Ġunju 2007 • Vol 14 • Nru.2

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp



## Fil-Paġni ta' ġewwa

- Żjara ta' l-Arċisqof ta' Malta fil-Kwartieri Ġenerali tal-Korp tal-Pulizija
- F'għeluq it-30 sena mill-ewwel publikazzjoni ta' "Il-Pulizija"
- X'Taħriġ isir Ġewwa l-akkademja tal-Pulizija ta` Malta
- Żjara tad-Direttur tal-Europol lill-Korp tal-Pulizija ta' Malta

*u aktar...*

*Newspaper Post*


Building Strong Relationships...
BUZDOV
DEVELOPMENTS LTD.
Civil Engineering Contractors
'Stella Maris', Triq Il-Gubilew Tad-Djamanti, Mqabba
Tel/Fax: 21 641793 Mobile: 79424724, 79426471 E-mail: info@buzdov.com
WWW.BUZDOV.COM

Ġunju 2007 • Vol 14 • Nru.2

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

5 Laqgħa ta' Kortesija lil-E.T. Mons Mario Grech Isqof ta' Għawdex

7 Ħarġa għat-tfal

9 Roadblocks

15 Drinn Drinn 12

17 Żjara ta' l-Arċisqof ta' Malta fil-Kwartieri Ġenerali tal-Korp tal-Pulizija

24 F'għeluq it-30 sena mill-ewwel pubblikazzjoni ta' "Il- Pulizija"

33 L-Edituri li ħadu ħsieb il-Magazine

37 Awguri lil dan il-Magazine

38 Leħen l-Għaqda Pulizija Pensjonanti fil-Magazine

38 Il-Paġna Sportiva fil-Magazine

41 X'Taħriġ isir ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija ta' Malta

45 Ftehim konġunt bejn il-Pulizija u l-Appoġġ rigward każijiet ta' abbuż ta' tfal

46 Apprezamenti

48 Preżentazzjoni tar-ritratt rebbieħ f'kompetizzjoni Internazzjonali tal-Fotografija tas-sena 2006 lit-tifel Aidan Dwight Mallia minn Stephen Busuttil

52 Żjara tad-Direttur tal-europol lill-Korp tal-Pulizija ta' Malta

57 International Police Association

60 Għaqda Pulizija Pensjonanti

62 Il-Membri tal-Korp li mietu

Membri tal-Board Editorjali: **President:** Insp Kenneth Haber
**Editriċi:** Wps 93 Carol Fabri
**Membri:** Ps 772 Dennis Agius
Wpc 255 Roberta Fenech
Pc 1155 Chris Mangion
Sur Alfred Debattista




**il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-Magazine ma jirriflettux bil-fors l-opinjoni tal-Board. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għanda tintbgħat fl-indirizz hawn taħt: Editur "il-Pulizija" C.M.R.U. Police Headquarters Floriana CMR 02

**Ritratt:** Iż-żjara tal-E.T. Mons. Arċisqof ta' Malta fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija

© C.M.R.U. Police Headquarters, Ġunju 2007

# Editorjal

*Merħba.*

Fi ftit jiem oħra il-Korp tal-Pulizija ser ikun qiegħed ifakkar il-193 Anniversarju mit-twaqqif tiegħu. Din il-ġurnata tfisser ħafna mhux biss għal membri servjenti fi ħdan il-Korp, imma wkoll għal pubbliku in ġenerali.

Huma ħafna dawk li jċemplu sabiex jaraw x'attivitajiet ser joffri l-Korp – bħal liema ser ikunu l-lokalitajiet fejn ser ikun hemm il-Banda, is-Silent Drill u s-Sezzjoni tal-Klieb, jekk hux ser jittella' l-Pet Show u fejn jistgħu iżuru sabiex ikunu jafu iktar fuq xogħol il-Pulizija.

Bħas-snin ta' qabel ser jitqassam poster dwar l-attivitajiet kollha li ser jorganizza l-Korp u għaldaqstant ikun opportun jekk dan jitpoġġa f'post prominenti fl-Għasses.

Għal dawk kollha li jixtiequ jiġu jaraw il-parata u d-Defile' u jixtiequ li jkunu bil-qiegħda, ser ikun hemm numru ta' biljetti. Inħeġġukom sabiex iċemplu kmieni l-Uffiċju tas-CMRU sabiex ma jkunx hemm diżapunti. Kull membru ser ikun intitulat għal tlett (3) biljetti kull wieħed.

Kif konna wegħdna, f'din il-ħarġa ser inwasslulkom minn x'hiex għadda l-Magazin tagħna f'dawn l-aħħar tletin sena. Kif kien xieraq, l-artikli tħallew f'idejn nies li xogħolhom kien li jipproduċu l-Magazin tal-Pulizija. Illum il-ġurnata il-ġbir tal-materjal sabiex isir il-Magazin jifforma parti minn struttura ta' varji xogħolijiet li l-Bord irid jagħmel ta' kuljum!

Minn dawn il-paġni nixtiequ Jum il-Pulizija t-tajjeb u j'Alla l-Mulej ikompli jżomm idejh fuqna ħalli nkunu tassew it-tarka taċ-ċittadin.

Insellmilkom

Disinn u riklamar
**ABILITY PUBLICATIONS LTD.**
Tel: 21 241317, 27 241345 - Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar
**GUTENBERG PRESS - TARXIEN**


Expect
more
M.DEMAJO
(Wines & Spirits) Ltd.
JOHNNIE WALKER.
Tel: 25528000 Fax: 25522992 www.demajowinesandspirits.com
© John Walker & Sons 2004



Pc 24 Martin Pace
Uffiċju tal-Kummissarju

# Laqgħa ta' Kortesija lil-Eċċellenza Tiegħu Mons. Mario Grech Isqof ta' Għawdex

*Nhar is-6 ta' Frar 2007, il-Kumitat Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija f'isem il-membri kollha ta' l-Assoċjazzjoni bagħat ittra lill-Isqof Grech fl-okkażjoni ta' l-ewwel anniversarju ta' l-Episkopat Tiegħu. Dan li ġej huwa l-kontenut ta' l-ittra:-*



L-Assoċjazzjoni ppreżentat statwa tar-Redentur maħduma mill-Kuntistabbli Pierre Bugeja bħala tifkira

Lill-Eċċellenza Tiegħek Mons Mario Grech Isqof ta' Għawdex.

F'isem iċ-Chairman u l-Membri tal-Kumitat Eżekuttiv, delegati fil-Konferenza Ġenerali u l-membri kollha ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta nixtiequ nsellmulek fl-okkażjoni ta' l-ewwel anniversarju tal-Konsagrazzjoni tiegħek fl-Episkopat u talli ġejt magħżul bħala l-mexxej spiritwali tad-Djoċesi ta' Għawdex.

Nassigurawk bil-lealta' tal-membri tagħna lejn l-Eċċellenza Tiegħek, u kif jgħidulna l-kollegi u membri tagħna Għawdxin, kemm huma ferħana bl-għażla tiegħek bħala l-mexxej Spiritwali għad-Djoċesi ta' Għawdex.

Għalkemm mexxej spirtwali tad-Djoċesi ta' Għawdex il-membri tagħna Maltin xorta jqisuk bħala mexxej spiritwali tagħna lkoll u dan kif urejtuna l-Eċċellenza Tiegħek ma' l-Arċisqof l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Pawlu Cremona, meta magħquda beriktuna flimkien fl-okkazjoni tal-Konsagrazzjoni ta' l-Arċisqof Mons Caruana. Messaġġ ċar lill-poplu ta' Malta u Għawdex għal għaqda u talb flimkien.

Aħna bħala bnedmin u ħaddiema f'nazzjon nisrani dejjem pruvajna inżommu l-fuq il-motto tal-Korp Domine Dirige Nos. Il-Kumitat Eżekuttiv wera' ix-xewqa li jagħmel żjara ta' kortesija lill-Eċċellenza Tiegħek.

Għal darba oħra nawgurawlek għas-servizz li offrejt, li tagħti lil-kommunita' Għawdxija. Nassigurawk Eċċellenza, bil-preżenza dejjiema tagħna membri tal-Korp tal-Pulizija fil-ġarr tar-responsabbilta' tiegħek. Dejjem inżommuk fit-talb tagħna. Filwaqt li umilment nitolbuk it-talb tiegħek, għoddna dejjem tiegħek.

Iffirmata mis-Segretarju Ġenerali.

*Ser nipproduċi l-ittra data 14 ta' Frar 2007 bħala risposta li l-Eċċellenza Tiegħu bagħatilna:*

Lis-Segretarju Ġenerali.

Nistqarr li l-ittra li inti ktibtli f'isem l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija Maltija nagħżilha mill-qbija tal-korrispondenza li għandi. L-ewwel minħabba l-konnessjoni li għandi mal-Korp peress li missieri kien Kunsitabbli. It-tieni għaliex l-ittra fiha kontenut sabiħ ħafna kemm f'dak li jirrifletti s-sens ta' dmir li għandu l-Korp, kif ukoll l-addezjoni kristjana ta' organizzazzjoni hekk importanti f'pajjizna. Nirringrazzjakom ta' l-awguri li għamiltuli kif ukoll ta' l-apprezzament li għandhom għalija dawk tad-Distrett f'Għawdex. Nilqa' bil-ferħ x-xewqa tal-Kumitat Eżekuttiv tagħkom li jkollna udjenza flimkien sempliċiment għarfuni meta huwa konvenjenti għalikom. Filwaqt li nsellem lil membri kollha ta' l-Assoċjazzjoni u nroddilkom ħajr għas-servizz li toffru lis-soċjeta' biex l-ordni u fibra morali taċ-ċittadini jissaħħu, nsellu għall-familji tagħkom u nitlob fuqkom l-barka t'Alla.

Tislijiet

Mario Isqof t'Għawdex.

Iż-żjara ta' kortesija lil-Isqof ta' Għawdex Mons Mario Grech saret nhar l-Erbgħa 11 t'April 2007 fil-Kurja Għawdxija. Matul il-laqgħa ġew diskussi xi punti ta' interess għaż-żewġ naħat.

# Unique Hospitality



**Malta Tourism Authority STAR Awards winners, 2007.**

From left: **Alfred Chircop** (Horse-drawn cab driver - Valletta), **Pauline Paris** (Front office - The Strand Hotel), **Joseph Ferò** (Travel representative - SMS Travel & Tourism), **Rita Buttigieg** (Food & beverage - Cavalieri Hotel), **Paul Farrugia** (Bus Driver), **Antonio Pané** (Head waiter - Sottovoce Restaurant), **Robin Stevens** (Coaches & Mini Bus Driver - Zarb Coaches), **Sylvia Grech** (Shop Owners - Mġarr Tourist Services Gozo).

**Other winners were: Jimmy Busuttil** (Boatmen - Captain Morgan), **Carol Galea** (Classic Car Museum), **Martin Hall** (Sports Instructor - Paradise Bay Diving Centre), **Michael Camilleri** (Taxi & Chauffeur driver - Belmont Garage), **Maria Pia Cumbo** (Tourist Guide)

## Pays you, pays us.

These men and women were chosen by visitors to Malta for having provided outstanding warmth and hospitality, and were thus selected as winners in the various categories of the Malta Tourism Authority's STAR (Special Thanks And Recognition) Awards, 2007.

While they represent all of us, Malta's reputation for a warm welcome has long passed into folklore. And for good reason. The welcoming smiles and attention to visitors' needs has been a hallmark of our nation since earliest times.

Our Hospitality is what we're renown for, and it's what we promise our visitors. Genuine hospitality shown to visitors by all, greatly enhances our tourism offer and strengthens the tourism industry. And EVERYONE benefits from a healthy tourism industry. Hospitality... Pays Us. Pays YOU

HERITAGE HOSPITALITY DIVERSITY



Pc 24 Martin Pace
Uffċju tal-Kummissarju

# Ħarġa Għat-Tfal



Nhar id-9 t'April 2007 l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta flimkien mal-Kumitat ta' l-Entertainment tal-Korp tal-Pulizija organizzaw ħarġa ta' ġurnata għat-tfal tal-membri ta' bejn is-sitt u tnax-il sena.

Din il-ħarġa ġiet organizzata bl-għajnuna u l-kollaborazzjoni tas-Sur Randolph Spiteri koordinatur mas-Segretarju Parlamentari Dr. Francis Agius MD MP. Il-postijiet li żorna kienu ir-razzett tal-ħut ġewwa t-Torri ta' San Luċjan, il-farm esperimentali ta' l-Għammieri, fejn it-tfal raw diversi annimali, u Ħad Dingli fejn żorna razzett tal-ħalib.

Matul din il-ħarġa għamilna waqafna fil-park nazzjonali ġewwa Ta' Qali, u bħala ġest simboliku tħawlu żewġ siġar taċ-ċipress. Is-Sinjura Catherine Gonzi mart il-Prim Ministru, ġentilment għoġobha tilqa' it-talba tagħna sabiex nagħmlu żjara fil-Palazz tal-Girgenti u l-ġonna tal-madwar.








Kull fejn żorna inagħtajna tagħrif interessanti, barra min-hekk it-tfal ġew mogħtija ikel, xorb u ħelu, liema spejjez (LM 61.60c) inħarġu mill-fondi ta' l-Assoċjazzjoni. Kemm is-Segretarju Parlamentari Dr. Agius u s-Sinjura Gonzi offrew refreshments wkoll. Peress li l-ġurnata kienet l-għada ta' l-Għid, it-tfal inagħtaw figola.



Nirringrazzjaw lill-Kummissarju is-Sur John Rizzo u is-Sinjura Rizzo għas-sapport tagħhom sabiex norganizzaw din il-ħarġa. It-tfal kienu taħt il-ħarsien ta' 1st SM 506 Charles Zammit, PC 24 Martin Pace, PC 527 Stephen Camilleri, WPC 51 Louise Grech u WPC 49 Lorraine Amato. Pc 1424 Geoffrey Gilson u PC 35 Godwin Sciberras kienu ix-xufier tal-vetturi.





# La Valette **Multi Manager Property Fund**

Opportunities from VFM



## Build on **Solid Performance**

**Annualised Return**

From 13 September 2005 to 22 May 2007

**10.33%**

**Fund Size**

**€80 Million**

Past performance is not necessarily a guide to future performance.

VALLETTA FUND MANAGEMENT

A Member of the BOV Group

Bank of Valletta

Freephone **8007 2344**, BOV Branches in Malta and Gozo & Licensed Financial Intermediaries

*Annualised Return from launch on the 13 September 2005 to 22 May 2007. The Annualised Return is an indication of the average return of the Fund over one year. In view that the Fund distributes income, such Annualised Return is based on the share price prevailing on the 22 May 2007 and the reinvestment of income distribution (net of 15% withholding tax). Any sharp fluctuations in the performance of the Fund over a period of time are not necessarily represented by the Annualised Return indicated.

The value of the investment may fall as well as rise and currency fluctuations may affect the value of the investment. Investor s are advised that real estate property is inherently subjective as regards value due to the individual nature of each property. Hence, there is no assurance that the valuations of the Fund's underlying investments will reflect the actual property value. Investment in the real estate property market is, by its nature, relatively illiquid and therefore, redemption requests may be deferred or suspended as more fully described in the Supplementary Prospectus. Investments should be based on the full details of the Supplementary Prospectus, which may be obtained from Valletta Fund Management Limited (VFM), Bank of Valletta Branches and other licensed financial intermediaries. The Fund is licensed by the MFSA as a Professional Investor Fund and may only be promoted to Experienced Investors. Professional Investor Funds (PIFs) are not subject to the restrictions on their investment or borrowing powers that retail schemes are normally subject to and the degree of risk to which they may be exposed makes them unsuitable for members of the general public. Hence, the protection normally arising as a result of the imposition of the MFSA's investment and borrowing restrictions and other requirements to retail schemes, do not apply to PIFs. VFM is licensed by the MFSA.

Issued by VFM, Level 6, The Mall Offices, The Mall, Floriana, FRN 1470. Tel: 21227311, Fax: 21234565, Email: infovfm@vfm.com.mt, Website: www.vfm.com.mt



Dr Jason Grima B.A. LL.D.
Surġent (1454), Uffiċju Legali

# Roadblocks

Din is-sena il-Kummissarju tal-Pulizija intoduċa s-sistema tal-Half Day Courses fix-xahar għal kull membru tal-korp fejn dawn huma rikjesti biex jattendu għal diversi lectures ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija. Din is-sistema qiegħda isservi biex il-membri tal-Pulizija ikollhom mezz biex jirrifreskaw il-memorja tagħhom u fl-istess ħin iżommu ruħhom aġġornati ma' żviluppi f'diversi kampijiet li s-soċjeta' tagħna qiegħda ta' kuljum tiżviluppa u tesperjenza. Il-possibilita' u l-fakulta' li membru tal-Korp qiegħed jattendi dawn il-lectures qiegħda isservi ukoll biex jitneħħew dubji li jinbtu f'moħħ dak li jkun waqt il-qadi ta' dmirijietu. Fil-fatt bħala wieħed mil-lecturers qiegħed nieħu pjaċir ħafna li xi membri tal-Korp ikunu preparaw xi mistoqsija fuq xi punti legali li dawn il-membri ikunu jixtiequ jikkjarifikaw. Waħda minn dawn id-domandi, li biex nistqarr magħkom ma kienetx unika kienet jekk ir-road blocks, li s-Surġenti u l-Kuntistabblijiet tad-Distretti qiegħdin jagħmlu, humiex legali jew le? Jiena ħassejt li għandi nikteb żewġ kelmiet fuq ir-risposta ta' din id-domanda u nibda billi nirreferi lill-qarrejja għall-artikoli 355 et sequitur tal-Kodiċi Kriminali.

Dawn l-artikoli ġew introdotti fil-Kodiċi Kriminali b'Att III tas-sena elfejn u tnejn (2002) fejn ikkjarifikaw iċ-ċirkustanzi meta il-Pulizija għandhom is-setgħa li jagħmlu kontroll fit-toroq jew kif kulħadd jirreferi għalihom, ir-road blocks. Ġie irregolat ukoll ir-rank li jista' jordna biex isir roadblock, kif ukoll kif għandha tingħata l-ordni. Nibda bl-artikolu 355B li jgħid dan li ġej:

*355B. Il-kontroll fit-toroq taħt dan is-subtitolu jista' biss jiġi organizzat jekk ikun hemm l-awtorizzazzjoni bil-miktub ta' uffiċjal tal-Pulizija mhux taħt ir-grad ta' Spettur sakemm ma jistax ikun hemm dewmien fil-kwistjoni, f'liema każ dik l-awtorizzazzjoni tista' wkoll tingħata bil-fomm minn uffiċjal tal-Pulizija mhux taħt il-grad ta' Surġent u wara titniżżel bil-miktub kemm jista' jkun malajr.*

Joħroġ ċar daqs il-kristall li bħala regola ġenerali, l-awtorizzazzjoni biex ijiġi organizzat kontroll fit-triq irid ikun hemm l-awtorizazzjoni ta' uffiċjal tal-Pulizija ta' mhux inqas minn grad ta' Spettur. Importanti wkoll illi din l-awtorizazzjoni għandha issir ukoll bil-miktub. Din hija ir-regola ġenerali u hija importanti li l-uffiċjali tal-Pulizija isegwu din il-proċedura qabel jordnaw biex isir road block. Għalkemm il-liġi ma tispeċifikax il-kontenut ta' l-ordni, peress illi l-liġi titkellem li trid tkun bil-miktub biss, huwa idejali li meta uffiċjal ta' grad ta' mhux inqas minn Spettur jagħti din l-ordni bil-miktub, f'ordni jispeċifika li qiegħed jawtorizza l-isubalterni tiegħu biex jorganizzaw road block, il-post fejn dan ir-road block għandu jsir, il-ħin u għalxiex dan ir-roadblock qiegħed jiġi organizzat. Din l-informazzjoni hija fil-fehma tal-kittieb neċessarja kemm biex wieħed ikun professjonali fuq xogħolu kif ukoll minħabba l-fatt illi fejn membru tal-Korp qiegħed jillimita dritt fundamentali tal-bniedem, f'dan il-każ id-dritt tal-liberta' u privatezza, il-kawtela li wieħed għandu jieħu ma tridx tkun nieqsa.

Il-Pulizija staqsew jekk id-detail tikkwalifikax bħala ordni ta' uffiċjal bil-miktub biex ir-roadblock ikun wieħed leġittimu u kulħadd jista' jserraħ moħħu? Wieħed irrid jifhem li d-detail hija minnha nnifisha ordni pero' wieħed irid ukoll joqgħod attent li din l-ordni tkun qiegħda tiġi mogħtija llum il-ġurnata minn maġġur. Għal din ir-raġuni huwa importanti li qabel il-maġġuri inkarigati biex jagħmlu id-detail jordnaw lis-Surġenti u l-Kuntistabblijiet biex jorganizzaw roadblock, huma għandom id-dover li ikollhom l-ordni biex jagħmlu dan bil-miktub mingħand l-Ispetturi inkarigati mid-Distretti tagħhom. L-ordni ta' l-Ispettur bil-miktub li tordna lis-subalterni tiegħu biex issir roadblock trid tkun tirriżulta ad validatem. L-ordni tal-maġġur mhix biżżejjed minħabba l-fatt li formalitajiet rikjesti minn dan l-artikolu huma imfassla b'mod ċar u fl-istess ħin tassativi. Niġi għall-eċċezzjoni.

Kważi għal kull norma ġenerali insibu wkoll l-eċċezjoni. L-artikolu 355B jgħid illi meta ċ-ċirkustanzi ma jkunux jippermettu dewmien, l-awtorizazzjoni tista' wkoll tingħata minn uffiċjal tal-Pulizija ta' grad mhux inqas minn Surġent anke bil-fomm. Din l-ordni wara għandha tittniżżel kemm jista' jkun malajr u għalkemm il-liġi ma tgħidx min irrid iniżżilha wieħed għandu jippresupponi li l-istess Surġent li jkun ta' l-ordni li għandu jkun responsabbli biex jagħmel dik l-ordni bil-miktub. Għalhekk dan l-artikolu jagħti l-poter lis-Surġenti biex jawtorizzaw kontroll fit-toroq meta ċ-ċirkustanzi ma jkunux jippermettu telf ta' żmien biex tinkiseb awtorizazzjoni mingħand Spettur jew uffiċjal aktar għoli bil-miktub minħabba l-fatt li azzjoni tkun trid tittieħed immedjatament. Hija fid-diskrezzjoni tas-Surġent biex jagħmel distinzjoni bejn dawk il-każijiet fejn wieħed irid jieħu azzjoni immedjatament u dawk li jippermetu dewmien biex il-formalitajiet tar-regola ġenerali jiġu sodisfatti.

Qabel ngħaddi biex nitkellem fuq iċ-ċirkustanzi meta skond il-liġi jista' jiġi awtorizzat kontroll fit-toroq, għax kif se naraw il-liġi telenka b'mod tassativ dawk is-sitwazzjonijiet fejn wieħed jista' jordna biex isir roadblock, irrid nagħmel distinzjoni bejn dik il-persuna li tagħti l-ordni, u l-eżekuzzjoni ta' dik l-ordni. Dik il-persuna li tagħti l-ordni trid tkun kif għidna Spettur jew uffiċjal ta' grad għola jew f'każ ta' emerġenza s-Surġent. Il-membri tal-Korp li jmorru fuq il-post indikat minn dawn ta' l-aħħar huma dawk il-persuni li qiegħdin jeżegwixxu dik l-ordni. Huma l-uffiċjali tal-Korp li jkunu qiegħdin jagħtu l-ordni li jkunu responsabbli li jaraw li l-ordni qiegħda tingħata skond il-liġi. Il-persuni li jkunu qiegħdin jesegwixxu l-ordni huma responsabbli biex jesegwixxu dik l-ordni fl-aħjar mod possibbli u jekk jiġu mistoqsija minn xi persuna waqt il-kontroll tal-vetturi, is-sempliċi risposta li huma qiegħdin jesegwixxu ordni mogħtija minn l-uffiċjal tal-Pulizija għandha tkun biżżejjed biex tissodisfa l-mistoqsija ta' dak li jkun. Mill-banda l-oħra jekk ikun hemm xi persuna li tkun ġiet mitluba mill-Pulizija biex twaqqaf il-vettura tagħha

u din ma tobdihiex, jew inkella wara li tkun waqfet ix-xufier isuq minn fuq il-post mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Pulizija, il-Pulizija tista' tressaq dik il-persuna fuq ksur ta' ordni leġittima tal-Pulizija.

Iċ-ċirkustanzi li għamilt referenza għalihom aktar 'il fuq f'dan l-artikolu, jiġifieri meta tista' tingħata ordni biex isir kontroll fit-toroq, insibhom f'artikolu 355. Dan l-artikolu jgħid dan li ġej:

355. Il-Pulizija tista' tagħmel kontroll fit-toroq meta jkun hemm raġunijiet xierqa biex taħseb li l-kontroll ta' vetturi ġo xi lokalita' jew li jgħaddu minnha jista' jwassal għal -

(a) l-arrest ta' persuna li tkun għamlet, jew li hemm suspett raġonevoli li għamlet jew li ser tagħmel reat serju, minbarra delitt punibbli taħt l-Att dwar l- Istampa; jew

(b) il-kxif ta' oġġetti li l-pussess tagħhom hu projbit jew limitat bil-liġi jew li b'xi mod jew ieħor għandhom konnessjoni ma' l-għemil ta' reat serju jew li huma prova ta' dan ir-reat; jew

(ċ) l-arrest ta' persuna li l-arrest tagħha ġie ordnat minn qorti jew minn xi awtorita' leġittima oħra jew li hi b'xi mod ieħor illegalment libera; jew

(d) l-aċċertament li persuna ma tkunx qed tħares xi kondizzjoni leġittimament imposta fuqha minn xi qorti; jew

(e) l-aċċertament ta' vjolazzjonijiet ta' xi liġi dwar vetturi bil-mutur jew ir-regolament tat-traffiku:
Iżda għall-finijiet ta' dan l-artikolu "reat serju" tfisser kull reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.

Mill-ewwel sentenza ta' dan l-artikolu wieħed jinnota li l-Pulizija mhux dejjem tista' tagħmel roadblock minħabba l-fatt li l-liġi stess tikkwalifika meta roadblock jista' jsir. In fatti, minbarra dak li diġa' intqal iridu jiġu sodisfatti żewġ elementi biex isir roadblock skond il-liġi. Dawn insibhom fl-introduzzjoni ta' artikolu 355.

### 1) Raġunijiet xierqa biex taħseb

Dan it-terminu legali jispeċifika il-ħsieb li persuna trid tifforma qabel tordna biex jiġi organizzat roadblock. Din il-persuna trid ikollha raġunijiet xierqa li jkunu biżżejjed biex iwassluha biex taħseb li dan ir-roadblock se jwassal għal waħda miċ-ċirkustanzi imsemmija fl-artikolu 355. Din il-konvinzzjoni morali hija ta' importanza kbira minħabba il-fatt li tolqot il-leġittimita' jew le ta' l-ordni fis-sustanza tagħha. Għalhekk, persuna qabel tagħti din l-ordni irid ikollha dik il-konvinzjoni morali ibbażata fuq raġunijiet xierqa li dan ir-roadblock se jwassal għal waħda jew aktar miċ-ċirkustanzi imsemmija fl-istess artikolu.

L-artikolu 355 jitkellem ukoll fuq raġunijiet xierqa. Allura wieħed jista' iqajjem il-punt li raġuni waħda mhix biżżejjed biex wieħed jaħseb li hemm bżonn ta' kontroll fit-toroq. Kieku ninterpretaw din il-liġi b'dan il-mod żgur mhux forsi nkunu qegħdin ngħidu ereżija legali. Wieħed għandu jifhem dan it-terminu legali b'mod u manjiera li nonostante l-leġislatur uża l-kliem fil-plural, dan ma jfissirx illi raġuni waħda, jekk xierqa, mhix biżżejjed biex isir roadblock skond il-liġi. L-eżami li wieħed irid jissodisfa huwa wieħed ta' suffiċenza tar-raġuni li din il-persuna jkollha għall-konjizzjoni tagħha biex tifforma l-ħsieb li hemm bżonn ta' roadblock. Jekk f'dak il-mument opportun il-persuna ikollha dik ir-raġuni xierqa biex iġiegħlha taħseb li hemm lok għal x'hiex isir roadblock dik il-persuna għandha dritt li tagħti dik l-ordni.

M'hemmx għalfejn ngħidu li l-iskala biex tipprova li persuna ifformat il-ħsieb li hemm bżonn li jsir roadblock hija waħda ferm inqas oneruża minn meta persuna tifforma ġo fija suspett raġonevoli. Suspett raġonevoli irid jiġi fformat fuq raġunijet aktar serji u ikollaborati. Jekk irridu inġibu eżempju u ngħidu li biex persuna tifforma ħsieb ibbażat fuq raġuni xierqa din trid sempliċiment tidħol ġo flat terran, biex tifforma suspett raġonevoli din trid tmur ġo flat żewġ sulari 'l fuq. Fil-fatt biex persuna tidħol ġo terran trid biss tiftaħ il-bieb u timxi xi żewġ passi. Pero', biex din tidħol ġo flat li jinsab żewġ sulari 'l fuq mill-art hija aktar diffiċli għax l-ewwel trid titla' t-taraġ u jekk wara ikollha is-saħħa trid tiftaħ il-bieb u mbagħad terġa' timxi. Dan ifisser illi persuna biex tifforma l-ħsieb li hemm raġuni xierqa sabiex isir roadblock hija ferm aktar faċli. Sempliċi telefonata, anke f'opinjoni tiegħi anonima, hija biżżejjed. Mill-banda l-oħra telefonata anonima mingħajr l-ebda tip ta' investigazzjoni biex tikkollabora b'xi mod l-informazzjoni li persuna tkun irċeviet permezz ta' dik it-telefonata mhix biżżejjed biex Pulizija tifforma suspett raġonevoli.

### 2) Iċ-ċirkostanzi li r-roadblocks iridu jiġu organizzati għalihom.

Fl-artikolu 355 insibu ħames sitwazzjonijiet u dawn il-ħames sitwazjonijiet huma elenkati b'mod tassattiv. Dan ifisser illi roadblock jiġi organizzat biss għal dawn iċ-ċirkustanzi, u minħabba din ir-raġuni f'opinjoni personali tiegħi dik il-persuna li tkun ifformat il-ħsieb ibbażat fuq xi raġuni xierqa biex tordna biex jiġi organizzat roadblock, trid tindika għal xhiex tkun qiegħda tordna roadblock. Mhix l-intenzjoni tiegħi li nitkellem fid-detall fuq kull waħda minn dawn iċ-ċirkustanzi minħabba limitazzjoni ta' spazju kif ukoll minħabba il-fatt il uħud minn dawn iċ-ċirkustanzi huma kif ngħidu bl-Ingliż self-explanatory. Madankollu nixtieq nagħmel xi kumment fejn naħseb li jkun opportun. Il-ħames ċirkustanzi elenkati fl-artikolu 355 huma dawn li ġejjin:

(a) l-arrest ta' persuna li tkun għamlet, jew li hemm suspett raġonevoli li għamlet jew li ser tagħmel reat serju, minbarra delitt punibbli taħt l-Att dwar l-Istampa; jew

(b) il-kxif ta' oġġetti li l-pussess tagħhom hu projbit jew limitat bil-liġi jew li b'xi mod jew ieħor għandhom konnessjoni ma' l-għemil ta' reat serju jew li huma prova ta' dan ir-reat; jew

(ċ) l-arrest ta' persuna li l-arrest tagħha ġie ordnat minn qorti jew minn xi awtorita' leġittima oħra jew li hi b'xi mod ieħor illegalment libera; jew
(d) l-aċċertament li persuna ma tkunx qed tħares xi kondizzjoni leġittimament imposta fuqha minn xi qorti; jew

(e) l-aċċertament ta' vjolazzjonijiet ta' xi liġi dwar vetturi bil-mutur jew ir-regolament tat-traffiku:

Iżda għall-finijiet ta' dan l-artikolu "reat serju" tfisser kull reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.

a) l-arrest ta' persuna li tkun għamlet, jew li hemm suspett raġonevoli li għamlet jew li ser tagħmel reat serju,




The all-new Mazda 5 is an evolution in Multi-Purpose Vehicle design.
It takes 'sporty and spacious' to a whole new level.
An attention grabber from the outside, and a revelation on the inside,
the Mazda 5 introduces a whole new concept of functionality and innovation.

**The all-new Mazda 5.**

GASAN
GROUP OF COMPANIES

PART EXCHANGE? NO PROBLEM!
Visit www.gasan.com or the Gasan Automotive Centre, Mriehel Bypass, Mriehel
Telephone: 23851200 or email: automotive@gasan.com
Gozo Garage, Victoria Tel: 21551866

minbarra delitt punibbli taħt l-Att dwar l- Istampa.

Kif tispjega il-liġi stess, reat serju, huwa deskritt bħala reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija. Dan ifisser illi l-Ispettur jew is-Surġent skond il-każ ma jistgħux jordnaw biex ssir roadblock jekk ir-reat ikun wieħed kontravenzjonali jew kif speċifikament jispjega dan is-subinċiż id-delitt ikun punibbli taħt l-Att dwar l-Istampa.

Ta' min wieħed jinnota wkoll illi biex jiġi organizzat kontroll fit-toroq taħt dan is-subinċiż irid ikun hemm ċertu ċertezza li persuna għamlet reat, jekk le irid ikun hemm suspett raġonevoli li din il-persuna ikkommetiet reat serju jew suspett raġonevoli li din il-persuna se tikkommetti reat serju. Dan ifisser illi hemm tlett ċirkostanzi kontemplati taħt dan is-subinċiż u tnejn minnhom mhux biss dik il-persuna li tordna ir-roadblock trid tkun moralment konvinta illi hemm raġuni xierqa, iżda trid ukoll ikollha suspett raġonevoli li persuna ikkommetiet reat serju jew li se tikkommeti reat serju. Kif għidt aktar 'il fuq suspett raġonevoli huwa livell ta' konvinzjoni morali aktar għoli minn sempliċi taħseb li hemm raġuni xierqa biex jiġi organizzat roadblock. Dik il-persuna illi tkun se tordna roadblock trid tkun għamlet xi tip ta' investigazzjoni u ikkonfermat b'mod oġġettiv il-fatti biex suġġettivament tifforma ġo fiha suspett raġonevoli biex inġiegħlha taħseb li hemm raġuni xierqa biex tordna li jsir roadblock biex twaqqaf persuna li ikkomettiet reat jew li se tikkommeti reat serju.

b) Il-kxif ta' oġġetti li l-pussess tagħhom hu projbit jew limitat bil-liġi jew li b'xi mod jew ieħor għandhom konnessjoni ma' l-għemil ta' reat serju jew li huma prova ta' dan ir-reat.

L-interpretazzjoni ta' dan is-subinċiż hija waħda sempliċi u ma tħalli l-ebda ambigwita' f'moħħ il-qarrej.

ċ) l-arrest ta' persuna li l-arrest tagħha ġie ordnat minn qorti jew minn xi awtorita' leġittima oħra jew li hi b'xi mod ieħor illegalment libera; jew

(d) l-aċċertament li persuna ma tkunx qed tħares xi kondizzjoni leġittimament imposta fuqha minn xi qorti.

Dawn iċ-ċirkostanzi huma relatati u għalhekk se nitkellem fuqhom flimkien. Dawn iż-żewġ subinċiżi huma arma ferm utli f'idejn il-membri tal-Korp biex jeżegwixxu mandati, jaqbdu persuni li ikunu ħarbu minn xi faċilita' korrettiva jew sptar jew xi istituzzjoni simili, jew jaqbdu fil-fatt persuni li jiksru il-kundizzjonijiet imposti fuqhom mill-qorti meta jiġu mogħtija il-ħelsien mill-arrest. Dejjem wieħed pero' irid jiftakar illi jrid ikun hemm raġuni xierqa biex dik il-persuna qabel tagħti l-ordni biex jiġi organizzat roadblock taħseb illi dan ir-roadblock se jwassal għal wieħed jew iktar minn dawn l-istanzi. Għal din ir-raġuni, fl-opinjoni personali tiegħi hija dubjuża jekk wieħed jistax jorganizza roadblock għal wieħed minn dawn l-għanijiet bħala mezz preventiv. In fatti xi tip ta' raġuni xierqa trid tkun teżisti minn qabel biex wieħed jifforma l-idea biex jagħmel roadblock. Biex inġib eżempju, l-Ispettur ma jistax jaqbad u jordna lis-subalterni tiegħu biex jorganizzaw roadblock biex jaraw jekk dawk l-individwi li jgħixu f'inħawi tad-distrett tiegħu humiex qegħdin isegwu il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest. Pero' l-Ispettur jista' jordna roadblock jekk ikollu informazzjoni illi xi individwu huwa taħt house arrest u fil-fatt qiegħed jiġerra barra. Ta' min wieħed iġib għal konjizzjoni tal-qarreja li llum il-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest huwa delitt per se punibbli bil-priġunerija.

(e) l-aċċertament ta' vjolazzjonijiet ta' xi liġi dwar vetturi bil-mutur jew ir-regolament tat-traffiku

Huwa ovvju li l-biċċa l-kbira tar-roadblocks isiru minħabba ksur tal-liġi tat-traffiku pero' il-prinċipji ġenerali li tkellimt fuqhom fil-bidu ta' dan l-artikolu japplikaw ukoll għal din is-sitwazzjoni. Fi kliem ieħor biex isir roadblock minħabba xi aċċertament ta' vjolazzjonijiet ta' xi liġi tat-traffiku u ta' min jgħid li hawn hekk is-subinċiż (e) ma jagħmilx distinzzjoni bejn kontravenzjoni u reat, il-persuna li tordna dan il-kontroll tat-toroq irid ikollha raġuni xierqa biex taħseb li hemm bżonn għal dan ir-roadblock. Għaldaqstant l-uffiċjal ta' grad mhux inqas minn Spettur jew is-Surġent, f'każ ta' sitwazzjoni li ma jkunx hemm lok għal dewmien, irid jogħqod attent li jkollu raġuni xierqa biex jordna roadblock.

Ta' min jiġbed l-attenzjoni tal-membri kollha tal-Korp li min qiegħed jesegwixxu l-ordni biex jagħmel xi kontroll fit-toroq, l-artikolu 355A jagħtih il-poter biex iwaqqaf kull jew xi vettura li tkun għaddejja minn dik il-lokalita' fejn qiegħed isir dak il-kontroll. Meta vettura tiġi mwaqqfa skond dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi dik il-vettura tista' ukoll tiġi perkwiżita mill-Pulizija u jekk jinstabu xi provi li jkun sar reat ieħor minbarra dak li dwaru jkun sar il-kontroll fit-toroq, il-Pulizija jkollha wkoll il-jedd li tinvestiga dak ir-reat u fejn xieraq tibda proċedimenti dwar dak ir-reat.

Nixtieq nikkonkludi dan l-artiklu b'domanda oħra li ukoll saret minn ħafna membri tal-Korp. Kif rajna hemm proċedura li trid tiġi segwita ad literam biex isir kontroll fit-triq mill-uffiċjali tal-Korp. Allura Surġent jew Kuntistabbli li jkun għaddej fit-triq ma jistax minn rajh iwaqqaf vettura? L-artikolu 355D tal-Kodiċi Kriminali jgħid is-segwenti:

Id-disposizzjonijiet ta' dan is-subtitolu jkunu mingħajr preġudizzju għal kull setgħa mogħtija lill-Pulizija b'kull liġi oħra biex iwaqqfu l-vetturi għal finijiet oħra li ma jkunux dawk imsemmija f'dan is-subtitolu.

Mela dan l-artikolu jispeċifika illi dak li għidna huwa bla preġudizzju għal kull setgħa li Kuntistabbli jew Surġent jista' jkollu taħt xi liġi oħra biex iwaqqaf vettura. Wieħed jista' iġib bħala eżempju l-artikoli li jirregolaw il-teħid ta' kampjuni tan-nifs f'każ ta' sewqan taħt l-influwenza tax-xorb jew inkella eżempju iktar ċar l-artikolu 124(1) ta' l-MVR li jagħti poteri wiesgħa lill-membri tal-Korp biex jidderieġu u jikkontrollaw it-traffiku. Kuntistabbli jew membru ieħor tal-Korp jista' ukoll iwaqqaf vettura bil-mutur jekk jara illi din il-vettura għandha xi ħaġa kontra il-liġi. Mhux talli membru tal-Korp jista' iwaqqaf vettura f'dawn iċ-ċirkustanzi iżda huwa l-obbligu tagħna li nagħmlu dan. Wieħed irid biss iżomm f'moħħu li ma jabbużax mill-poteri tiegħu għax huwa vera li l-Pulizija għadha l-poteri tagħha pero' daqs kemm għadha poteri għandha wkoll obbligi.

# New offers to talk about




| Nokia 1112 | Sagem my401x | Nokia 6080 | Samsung E250 | Sagem my700x - music box |
|---|---|---|---|---|
| Lm25 | Lm39 | Lm59 | Lm65 | Lm75 |
| €58.23 | €90.85 | €137.43 | €151.41 | €174.70 |
| | | | Also available in silver | |

Buy one of these or choose from our wide range of great phones today and enjoy Lm5/€11.65 free talk-time, 100 free SMS and 100 free MMS. All phones come with a **2 year warranty**. So keep in touch this summer with GO Mobile.

Prices start from as low as **Lm25/€58.23**

GO mobile

For more information visit any GO Mobile Customer Contact Centre, GO outlet or any authorised dealer, call 146 (call is free) from your GO Mobile or visit www.go.com.mt. Lm5/€11.65 free talk-time will be allocated on a Lm1/€2.33 per month basis for 5 months. 100 free SMS valid for 30 days to all GO Mobile numbers. 100 free MMS valid for 30 days (where applicable). Offer valid until 31 August 2007 or until stocks last. All phones are network locked. Terms & conditions apply. Conversion is based on the rate of Lm1 = €0.4293

Phone **7922 2146** www.go.com.mt MADE FOR YOU

---

Baystreet GO Mobile*
B'Bugia Audio Images
B'Kara Exacta
B'Kara GO
B'Kara Sound Machine
B'Kara Telecom
Electronics
(Smart Shopping
Complex)
Cospicua Telephone Box
Fgura Cell Com

Fgura GO Mobile
Hamrun Cell Phone
Luqa Zoids
Marsa GO Mobile
MIA GO Mobile*
Mosta Cellefonic
Mosta Mobile Phone
Centre
Msida GO Mobile
Paola Dual Zone
Paola DVD Planet

Paola Sound Machine
Qormi Dual Zone
Qormi Fact
Qormi Mega
Entertainment
Qormi GO Mobile (PAVI)
Rabat Mitronics
Rabat Sound Track
San Gwann Phone Box
San Gwann Telecom Electronics

Siggiewi Digit
Sliema GO Mobile
Sliema Sound Cellular
Sta Venera Phones 4U
Tarxien Audiophonic
Valletta Go Mobile
(Embassy Shopping
Complex)
Valletta Phone Craft
Zabbar Cell Phone
Zabbar Cutajar Hi-Fi

Zabbar Dual Zone
Zebbug Total Mobile
Zebbug Vision Tech
Zurrieq Leonardo

Gozo
Victoria Digitronics
Victoria GO Mobile
Victoria Sound & Vision

*Open all day on Sundays & public holidays

# LAFERLA
INSURANCE AGENCY LIMITED

Lm€FAIR
Fair-pricing Agreements In Retailing













At Laferla, it's not just the **price** that makes our products attractive but it's also our **prompt claims settlement** which gives **peace of mind** to our clients.

We offer all classes of insurance.
**Motor - Private Medical (Laferla Healthplans)**
**Home - Travel - Shop/Commercial - Fire - Theft**
**Personal Accident - Marine Cargo - etc.**

**agents for:**

**Middlesea Insurance p.l.c.**

COM: 23040K

**Contact us for a FREE quotation at:**

**Laferla Insurance Agency Limited, Vincenti Buildings, Old Bakery Street, Valletta VLT 09.**
**Tel: 2122 4405, 2124 0828/9 Fax: 2124 0811 www.laferla.com.mt**

Laferla Insurance Agency Limited is licensed to act as an insurance agent for Middlesea Insurance p.l.c. and both companies are authorised to transact insurance business by the Malta Financial Services Authority.



Supt P. P. Zammit
Prosecution Unit

# Drinn Drinn 12

*Hello. Prosecutions.*

Hello. Bonġu Sir, anzi, good afternoon. Lilek ridt!!

*Għidli Spett, x'inqala', kemm tinstema' imberrhen?*

Għadni kif ħadt tbaqbiqa twila l-Qorti fuq dik l-imbierka kwistjoni ta' korrezzjoni. Inqbadt bejn id-Difiża u l-Parte Ċivile, it-tnejn żammew pożizzjoni opposta aktar mis-South u n-North Poles. Il-Maġistrat ħares lejja u poġġieni f'pużizzjoni li qisni jien irrid niddeċiedi. Għal mument tfixkilt, ftakart f'dak li semmejthilna int f'waħda mill-laqgħat tas-Sibt u bdejt nissottometti minn dawk il-karti li għaddejtilna. Ħaġa ta' l-għaġeb ħadd ma kellu il-liġi, kulħadd jikwota mill-memorja, imma ħadd ma kienx jafha sew u għalhekk kelli nieħu tbaqbiqa sewwa biex nurihom x'tgħid verament il-liġi. Xorta ħadd ma kienx kuntent, għax naħa sostniet li kull tibdil ser jiżvijja lid-difiża u joħloq għoneru akbar, u n-naħa l-oħra sostniet li kull tibdil jista' jsir. Wara li smajt lil kullħadd jien qrajt ftit dak li tgħid il-liġi u deherli li dak li intalab bħala korrezzjoni seta' jsir sas-sentenza. Il-Qorti ma kienitx kuntenta u tridna nagħmlu nota.

*Issa.......*

Sir in-nota kieku diġa' ħarbixtha, għax kif kont għadni nitmasħan ġejt l-uffiċċju u bdejt. Ma tantx hija problema, imma ma nħosnix konvint minn dak li ktibt.

*Mela ħa nibdew bil-mistoqsijiet. X'kienet l-akkuża u f'hiex tikkonsisti il-bidla li ntalbet?*

Sir. L-akkuża hija dwar għajjat u storbju. Il-Post, id-data u l-ħin, kienu tajbin, imma l-artikolu tal-liġi fl-aħħar ta' l-akkuża kien żbaljat, minflokk l-Artikolu 399, kien hemm l-Artikolu 39. Żball tal-pinna, jew kif tgħidu inthom lapsus calami.

*Le ħej, l-ewwel żball jidher li kien li ktibt l-atikolu tal-liġi bħala parti mill-akkuża. Ir-reat ma hux marbut mal-kwotazzjoni ta' l-Artikolu tal-Liġi, ta' l-inqas fil-każ taċ-ċitazjoni tal-Pulizija. Dak li trid il-liġi (Art 360 KK) huwa li lill-persuna li lilha tkun notifikata ċ-ċitazzjoni din għandha ssemmi* ***ċar*** *il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha,* ***fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuża, bil-partikolaritajiet ta' żmien, u ta' lok, li jkunu jinħteġu jew li jkunu jistgħu ingħataw. IMKIEN MA QED TITLOB L-ARTIKOLU TAL-LIĠI.***

Imma Sir, il-Maġistrat dejjem jitlobhomli!!!

*Jien ma għedtlikx ma tagħmilhomx. Jien għedtlek ma tagħmilhomx bħala parti mill-akkuża. Tinsewx dejjem ngħidu li ċ-ċitazzjoni hija semplice avvizo a comparire. Ma jfissirx li ma ngħidlux għaliex qed insejjaħlu jidher. Illum bid-Drittijiet tal-Bniedem qiegħdin inkunu aktar proattivi, anqas krudili. Immaġina int nibgħatlek biex titla' l-Qorti u ma tafx fuq x'hiex (u nheddek li jekk ma titlax jista' jinħareġ mandat ta' arrest kontra tiegħek). Hekk ukoll għandek titratta ma' ħaddieħor. Il-kontenut tal-akkuża hija waħda intrinsikament neċessarja sabiex l-individwju jkun jista' jiddefendi lilu nnifsu, u dan huwa prinċipju kostituzzjonali ta' l-ekwiparita ta' armi u drittijiet tal-bniedem. Mela l-ewwel punt huwa li l-artikoli tal-liġi ma għandikx tagħmilhom parti mill-imputazzjoni, u iva għandek tagħmilhom fiċ-ċitazzjoni, in partikolari dik tal-Maġistrat u dik tiegħek, l-aħjar post huwa f'parentesi kemm jista' jkun 'l isfel taħt l-imputazzjonijiet (jekk jkun hemm spazju) jew fuq fejn l-arma, jew taħt wara l-firma. B'hekk tkun qed tindika biċ-ċar li dawk huma pro memorja u mhux parti mill-akkuża. Ftehmna sa hawn.....?*

Iva Sir, qed nifmhek, b'hekk jekk ikun hemm xi żball ma jkollhomx fejn jaqbdu magħna. Imma...

*Stenna ftit. Issa li hemm hemm hux hekk. Mela dak li int tlabt huwa korrezzjoni u skond l-artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura applikabbli għal proċedura fil-kriminal tramite l-Artikolu 520 tal-KK li kif taf u għidt tajjeb korrezzjonijiet jistgħu jsiru sa sentenza. Iżda naħseb li taf tajjeb ukoll li sa ċertu punt id-difiża kellha raġun, dwar il-fatt li t-tibdil ma għandux joħloq piżijiet żejda fuq l-imputat. Jekk il-kliem ta' l-akkuża huwa ċar, il-provi imressqa huma ċari u jidher li l-iżball huwa wieħed tal-pinna (dak li tfisser Lapsus Calami), allura l-Qorti ma għandhiex ma tilqax it-talba ta' korrezzjoni.*

Jekk il-Qorti ma tilqax it-talba, nistgħu immorru għall-Appell??

*Iva, dak huwa dritt tagħna, basta dejjem jkun kollox verballizzat in atti. Hemm skonta ta' sentenza in meritu ta' dan u sa issa jidher li l-Qorti ta' l-Appell dejjem tatna raġun meta l-iżball ikun wieħed li ma jippreġudikax lill-imputat.*

Grazzi sir, serraħtli ftit rasi, u bħas-soltu għallimtni.

*Xejn, dover.*




Red wine; grass; tomato. Not all stains are alike. For the first time a washing machine knows this too. The new Siemens washing machine with Auto Stain Removal individually adjusts water temperature and washing cycle for 14 different types of stain. And the new varioSoft drum with its unique surface design supports a thorough yet gentle stain removal. No need for special detergents. So you see, where design and technology is concerned, Siemens has the answers to all your concerns.

**Aplan Centre** B'kara By Pass, B'kara. Tel: 2148 0590

**The future moving in.**

**SIEMENS**

# Żjara ta' l-Arċisqof ta' Malta fil-Kwartieri Ġenerali tal-Korp tal-Pulizija

"Grazzi. Grazzi tax-xogħol kollu li għamiltu fil-ġimgħat li għaddew mill-ħatra tiegħi ta' Isqof ta' Malta." Dawn kienu kliem l-Eċċelenza Tiegħu l-Arċisqof ta' Malta l-Mons Pawlu Cremona hekk kif indirizza lil membri tal-Korp tal-Pulizija miġbura fis-Sala Vilhena.

Iż-żjara ta' l-Arċisqof Pawlu Cremona ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija saret fit-28 ta' Frar, 2007 fejn jistennewh kien hemm l-għola Uffiċjali tal-Korp. Ingħata s-salut mill-membri tal-Quarter Guard tal-Pulizija, u wara l-Arċisqof għoġbu jagħmel minuta silenzju, flimkien ma' l-Uffiċjali tal-Korp, quddiem il-monument ta' dawk il-Pulizija li taw sehemhom fil-Korp matul iż-żmien.

Ma naqas li l-ewwel żjara fil-bini tal-Kwartieri tal-Pulizija tkun ġewwa l-Kappella, fejn l-Eċċelenza Tiegħu l-Arċisqof talab għal ftit minuti. Iż-żjara kompliet fil-bitħa tad-Depot fejn kien hemm jistennewh membri minn kull Taqsima fi ħdan il-Korp. Il-Kummissarju tal-Pulizija, flimkien mal-Viċi Prim Ministru u s-Segretarju Parlamentari spjegaw lil Arċisqof ix-xogħol rikjest minn kull Taqsima fil-qadi ta' dmirijiethom lejn iċ-ċittadin.

Ma naqsux il-mistoqsijiet minn naħa ta' l-Arċisqof, fejn deher biċ-ċar fuq wiċċu l-interess f'xogħol il-Pulizija.

Iż-żjara kompliet fl-uffiċini tas-CID, ta' Kontra d-Droga u dak ta' kontra l-Vizzji u Frodi, kif ukoll dak tal-Forensika. Impressjonanti kien il-fatt li l-Arċisqof deher impressjonat bix-xogħol moħbi li jsir mill-Korp tal-Pulizija.









Il-wasla ta' l-Eċċelenza Tiegħu l-Arċisqof ta' Malta Pawlu Cremona

Bħala Korp li ilu mwaqqaf mill-1814, fejn ħidmet missirijietna waslitna fejn ninsabu llum, ma naqas li l-Arċisqof jidħol iżur il-Mużew li l-Korp huwa tant kburi bih. Huwa seta' japprezza d-diversi esibiti storiċi li huma marbuta ma' ħidmet il-Pulizija tul il-milja taż-żmien.

Faċċata tal-Mużew kien hemm sala mimlija uffiċjali u membri tal-Korp jistennew l-Arċisqof, fejn f'kelmtejn qosra ta' l-okkażżjoni f'isem il-poplu Malti rringrazzja lil Korp tax-xogħol siewi li jagħmel.

Bi tbissima fuq xuftejh sostna illi kieku għadu iżgħar fiż-żmien b'dak kollu li osserva żgur li kien jittanta xortih fil-Korp. Sostna ukoll illi qatt ma għandna ninsew illi persuna li tkun arrestata jew miżmuma għandu jkollha d-dinjita' li jixirqilha.

Huwa spiċċa billi talab lil Alla jżomm ħarstu fuq il-Pulizija, jimlihom bil-kuraġġ u juru sens ta' ġustizzja waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

L-Arċisqof kien imbagħad il-mistieden tal-Kummissarju tal-Pulizija għal ikla li saret għad unur tiegħu.













L-Eċċelenza Tiegħu l-Arċisqof Pawlu Cremona jżur is-Sezzjonijiet varji tal-Korp fil-bitħa tad-Depot




Exclusive Distributors: Charles Grech & Co. Ltd. Tel: 2144 4400 Fax: 2144 4417

# ĠLIEDA EĦREX KONTRA L-MIBEGĦDA RAZZJALI



Minn Ronald Mizzi,
Research Analyst,
*Forum Malta fl-Ewropa*



Sfortunatament, ir-razziżmu huwa fenomenu li qed jerġa' jerfa' rasu f'diversi forom u f'diversi pajjiżi, inkluż Malta. Huwa proprju għalhekk li bosta pajjiżi u anke l-komunità internazzjonali qed jimplimentaw liġijiet eħrex minn qabel sabiex irażżnu dan il-fenomenu li fil-passat rajnieh ikun il-kaġun ta' diżastri umanitarji kbar.

Anke l-Unjoni Ewropea tinsab allarmata quddiem dan il-fenomenu. Fil-fatt, riċentament, il-Ministri tal-Ġustizzja u l-Intern tas-27 Stat Membru ta' l-UE laħqu qbil ġenerali dwar Qafas ta' Deċiżjoni li tobbligahom jieħdu azzjoni kontra dawk kollha li pubblikament jinċitaw il-mibegħda jew vjolenza fuq xi razza partikolari, kulur tal-ġilda, reliġjon, oriġini etnika jew dixxendenza.

Id-Deċiżjoni titlob ukoll li tittieħed azzjoni kontra dawk kollha li japprovaw, jinnegaw jew jippruvaw iċekknu dak li jkun seħħ f'xi ġenoċidju, f'xi atti kontra l-umanità u fil-gwerer kif stabbilit mill-Qorti Internazzjonali Kriminali. Emfasi speċjali tpoġġiet fuq il-ġenoċidju tal-Lhud fl-Ewropa qabel u waqt it-Tieni Gwerra Dinjija u l-qtil tal-massa fil-Bosnija u r-Rwanda, fejn kull min jinnega dawn il-fatti jista' jeħel minn sena sa 3 snin priġunerija.

Minkejja l-importanza ta' din id-Deċiżjoni iżda, il-qbil dwarha ma kienx wieħed ħafif minħabba l-fatt li ħafna rawha tmur kontra d-dritt fundamentali tal-libertà ta' l-espressjoni. Fil-fatt, in-negozjati dwarha ħadu 'l fuq minn 6 snin u l-verżjoni finali hija ħafna aktar moderata minn dik oriġinarjament proposta.

Pajjiżna wkoll mhux qed jieħu dan il-fenomenu biċ-ċajt hekk kif kawża ta' l-influss kontinwu ta' immigranti irregolari f'pajjiżna, ir-razziżmu qed ikollu tendenza li jerfa' rasu. Artiklu 6 ta' l-Att dwar l-Istampa jagħmilha ċara li kull min jhedded, jinsulta, jew jesponi għal mibegħda, persekuzzjoni jew disprezz, lil xi persuna jew grupp ta' persuni minħabba fir-razza, twemmin, kulur, nazzjonalità, sess, diżabilità jew oriġini nazzjonali jew etnika jeħel meta jinsab ħati priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur u multa.

Artiklu 82A tal-Kodiċi Kriminali wkoll jistipula li kull min juża kliem jew imġieba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew jesibixxi xi materjal miktub jew stampat li jkun ta' theddid, abbużiv jew insolenti, jew xort'oħra jġib ruħu b'dak il-mod, bil-ħsieb li b'hekk iqajjem mibegħda razzjali (jiġifieri mibegħda kontra grupp ta' persuni f'Malta definiti b'referenza għall-kulur, razza, nazzjonalità jew oriġini etnika jew nazzjonali) jew b'hekk joħloq il-probabbilità li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem mibegħda razzjali, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tmintax-il xahar.

Wieħed jawgura li din id-Deċiżjoni (li għad trid tġi ratifikata mill-Parlamenti Nazzjonali) titħaddem u tġi infurzata kif suppost sabiex din il-marda razzjali tiġi miġġielda bla ħniena. Fi kliem il-Ministru Ġermaniż tal-Ġustizzja Brigitte Zypries "għandna nuru li fl-Ewropa m'għandniex nittolleraw imġieba li permezz tagħha ċerta nies jiġu diskriminati jew agħar minn hekk jisfaw vittmi ta' vjolenza minħabba r-razza tagħhom jew ir-reliġjon li jħaddnu."

Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-*Forum Malta fl-Ewropa* fuq 2590 9101 jew bl-email fuq foruminfo@gov.mt

FORUM
MALTA FL-EWROPA

*FORUM MALTA FL-EWROPA*

Indirizz: 280 Triq ir-Repubbblika, Il-Belt Valletta

Telefon: 2590 9101

E- mail: foruminfo@gov.mt

Nhar it-30 ta' Marzu, 2007 l-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof ta' Malta Pawl Cremona, reġa' żar il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija sabiex jiftaħ il-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira li l-Pulizija ttella' ta' kull sena. Din il-wirja ilha tittella' għal dawn l-aħħar sittax-il sena u kibret matul is-snin. It-tema tal-wirja ta' din is-sena kienet 'L-Akbar Imħabba'. Il-wirja kienet tinkludi l-aħħar ċena fuq stil Lhudi, xeni mill-passjoni ta' Ġesu` f'korazzi u simboli oħra magħmula minn materjal riċiklat. Din is-sena għall-ewwel darba saru ukoll repliki ta' pitturi reliġjużi ta' Caravaggio magħmula minn melħ ikkulurit. Ix-xogħol kollu f'din il-wirja sar mis-Surġent Mario Ebejer, il-Kuntistabbli Mario Muscat u l-Kuntistabbli Pierre Bugeja, taħt is-superviżjoni tas-Supretendent Raymond Vella Gregory. Waqt il-ftuħ tal-Wirja kien hemm preżenti is-Segretarju Parlamentari Carmelo Mifsud Bonnici, il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo u diversi uffiċjali oħra.

Fi tmiem il-ftuħ ta' din il-wirja tlabna kumment lill-Arcisqof ta' Malta dwar il-wirja. L-Eċċelenza Tiegħu qalilna








Żjara fid-Dipartiment li jiġbor fih Sezzjonijiet Investigattivi






Żjara ta l-Eċċelenza Tiegħu l-Arċisqof lil membri li kienu qed jaħdmu l-platti tal-melħ u fil-Mużew tal-Korp

"il-kummenti tiegħi huma fuq żewġ livelli. L-ewwel livell li jolqot l-għajn huwa t-talent kbir li hawn, kemm meta tara dak li jsir bil-melħ kif ukoll għaliex taf li dak kollu li hawn mad-dawra huma kollox b'af-farijiet riċiklati u li biex tagħmil-hom trid dejjem kreattivita', ħaġa lesta faċli, imma li tirriċkla hija xi ħaġa oħra. U li impressjonani, hija t-tieni ħaġa, li mhux biss meta tarhom imma anke meta titkellem mal-persuni li għamluhom tinduna il-ħerqa reliġjuża, Kristjana, li minnhom ħarġet din il-kreattivita', allura mhux biss kreativita' umana imma kreativita' li ħarġet mill-fidi. Allura j'Alla li kull min jiġi u jarhom jħoss iż-żewġ affarijiet, li jistgħaġeb b'dak li qed jara imma forsi jasal ukoll permezz ta' dak li qed jara, li jara l-qalb ta' min għamlu u jista' jwassallu messaġġ ukoll."








Laqgħa mal-membri tal-Korp ta' L-Eċċelenza Tiegħu l-Arċisqof Pawlu Cremona







Ikla li saret għad-Unur l-Eċċelenza Tiegħu l-Arċisqof Pawlu Cremona u t-tluq tiegħu mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija

www.daikin.com.mt

# FLEXIBILITY IS EVERYTHING.

VRV® III



The new Daikin VRV III air conditioning system marks an important advance over existing systems, with many new innovative features and benefits for specifiers, installers and users. • Greatest capacity (5 HP to 54 HP) • Maximum piping length extended to 165m (outdoor unit to furthest indoor unit) • Total piping length extended to 1000m • Lighter modular units, easily transported by normal lift • Less refrigerant content than existing VRV systems • More energy efficient (high COP) on R-410A • Automatic refrigerant containment • Automatic charging • Back-up function • Powerful diagnostic tools • Centralized control systems with web access function • And much more besides... For more information go to www.daikin.com.mt

DAIKIN
AIR CONDITIONING

Pictures are for advertising purposes only

® medairco EST. 1969

**Sole Agent & Distributor of Daikin Air Conditioning Equipment for the Maltese Islands**

Medairco Ltd. 55, Racecourse Street, Marsa HMR 17, Malta Tel: (+356) 21 220715, 21 232068, 21 232077, 21 233023 Fax: (+356) 21 221351



Eddie Attard

# F'għeluq it-30 sena mill-ewwel publikazzjoni ta' "Il-Pulizija"

### Pubblikazzjonijiet ta' qabel il-magazin

Qabel il-pubblikazzjoni tal-magazin tal-Pulizija fl-1977 dwar il-Korp, kien hemm biss rapporti li jitrattaw dwar kif kellha tiżdied l-effiċjenza tal-Pulizija. Dawn ir-rapporti jmorru lura għas-seklu dsatax u l-aħħar wieħed kien fl-1955, dak ta' W.A. Muller, CMG. Imbagħad fl-1961 kienu ġew ippubblikati żewġ rapporti dwar is-salarji tal-membri tal-Korp tal-Pulizija, wieħed sar mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija u l-ieħor mill-kummissjoni li ħatar il-Gvern kolonjali ta' dak iż-żmien. Il-kummissjoni kienet komposta minn W.C. Johnson, T. Elwood u C. Pulling. Imbagħad f'Lulju 1959 biex jitfakkar ir-raba' anniversarju mit-twaqqif ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija kienet ħarġet newsletter b'forma ta' magazin. Qabilha kienu ħarġu oħrajn ittajpjati.

### Kif beda l-Magazin?

Għalkemm jiena kont responsabbli mill-pubblikazzjoni tal-Magazin 'Il-Pulizija' bejn Ġunju 1979 sa Jannar 1986 ma kinitx l-idea tiegħi li l-Pulizija jkollha l-pubblikazzjoni tagħha. L-idea nħmiet fil-bidu tal-1977 bejn is-Supretendent Nestru Spiteri, f'dak iż-żmien inkarigat mid-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali, u s-Surġent (aktar tard Maġġur) Michael Marshall, li wkoll kien stazzjonat fl-istess taqsima. Marshall kien ukoll il-President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija. Twaqqaf għalhekk bord editorjali li kien kompost mis-Supretendent Nestru Spiteri, il-Maġġur Camilleri (it-Torres) u s-Surġenti Michael Marshall, Alfred Debattista, Manwel Schembri u



L-ewwel Bord Editorjali waqt konferenza stampa

Francis Debattista. Jiena kont is-Segretarju tal-bord editorjali, filwaqt li Marshall kien l-editur.

Ħadd mill-bord editorjali ma kellu idea ta' x'jinvolvi xogħol ta' din ix-xorta u l-finanzi meħtieġa, u kollox sar minħabba l-entużjażmu li kellna. F'dak iż-żmien ma kienx għadu daħal l-offset u kien jintuża' ċ-ċomb, u għalhekk mhux faċli tfisser kemm kien jieħu aktar ħin biex issir pubblikazzjoni. Fil-bidu l-Magazin kellu biss tnax-il paġna ta' materjal għax it-tmienja l-oħra, flimkien ma' ġewwa u wara tal-qoxra, kienu reklami.

Id-disinn u r-reklami bdew isiru mill-Associated News (Malta) Ltd u kienet din l-aġenzija li tipprovdi r-reklami. B'hekk l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija, li f'isimha saret din il-pubblikazzjoni, ma ħarġitx flus. Kienet ukoll il-fehma tal-bord editorjali li l-Pulizija ma kellhiex titlob ir-reklami u dan minħabba raġunijiet li jifimhom kulħadd. Dan għamilnih ċar f'avviż fl-ewwel ħarġa fil-waqt li rringrazzjajna lil dawk id-ditti li kienu se jgħinuna permezz tar-reklami. L-istampar kien beda jsir fil-Union Press u peress li f'dak iż-żmien l-istampar bil-kulur kien jiswa' ħafna flus ġiet skartata kull idea li jintuża' l-kulur. Biżżejjed jissemma' li l-colour separtions kienu jintbagħtu barra minn Malta.

Niftakar tajjeb li kienet ġurnata tas-Sibt meta kont għadni stazzjonat il-Personnel Section u xi ħadd qalli li s-Supretendent Nestru Spiteri ried ikellimni. Għalkemm qatt ma kont kellimt qabel li dan is-Supretendent kont naf li jagħmel l-affarijiet b'serjetà kbira. Illum ngħid ukoll illi kieku ma kinitx il-ħidma tiegħu, il-Magazin ma kienx isir. Dakinhar Nestru Spiteri staqsieni jekk ridtx nibda nieħu ħsieb il-Magazin u dan kien ifisser li nkun ittrasferit minn fejn kont. Wara li għidtlu li kont se naħsibha, inqalgħu ċirkustanzi li ġiegħulni naċċetta din l-offerta u nista' ngħid li dan kien il-bidu li wassalni biex nibda r-riċerka dwar il-Korp tal-Pulizija, il-ħabs u l-kriminalità. F'dak iż-żmien il-magazin kien joħroġ kull xahar.

Meta ġejt inkluż fil-bord editorjali l-ewwel abbozz tal-Magazin kien kważi lest. Ma qbiltx ma kollox għax seta' sar ħafna aħjar. Ma qbiltx lanqas li l-Magazin ma kienx se jingħata mingħajr ħlas lill-membri kollha tal-Korp. Il-bord editorjali kien iddeċieda li l-Magazin jinbiegħ 10 ċenteżmi u li ssir sejħa għall-abbonamenti ta' sena anke minn fost il-pubbliku. Fost dawk li abbonaw kien hemm l-Avukat Guido Demarco (aktar tard Ministru tal-Ġustizzja u Intern u President tar-Repubblika) u kont nibgħatlu l-Magazin bil-posta. Imbagħad kien hemm xi nies li kienu jirċievu l-Magazin mingħajr ħlas.

F'messaġġ li kien għamel il-Prim Ministru Dom Mintoff fl-ewwel ħarġa tal-Magazin, fost affarijiet oħra qal li: Huwa ttamat li f'dan il-Magazin jibdew jidhru s-suġġerimenti u kif għandha tkun il-ħidma ħalli dawn is-suġġerimenti jitwettqu bl-iċken piż għal pajjiżna. F'dak iż-żmien il-Perit

# Your Transport Partner from Ship to Shore and *Beyond...*




## Port Agency

- Bunker Brokers
- Crew Charges
- STS Operations

## Liner Services

## Freight Forwarding

- Sea Freight
- Air Freight

## Logistics Management

## Project Cargo

- Oversized Cargo
- Vessel & Aircraft Chartering
- Construction site cargo

## Surface Transport

- International Trailer operators
- Domestic transport and general haula

## Documentation

- Customs Clearance
- Certificates of Origin and Translation

## Cargo Insurance

## Warehousing & Distribution

11, Transport House
Pietro Floriani Street
Floriana VLT 15 Malta
Tel: (+356) 21 233810
Fax: (+356) 21 243189
Email: warehouse@ccship.com

**Carmelo Caruana**
*Company Limited.*










# EXQUISITE

*for that very special*
*&*
*intimate occasion*

BACCHUS
FINE DINING

Hospitality assured

The Definitive(ly) GoodGuide RESTAURANTS

**INGUANEZ STREET - MDINA**
**reservations 21 454981 e-mail: reservations@bacchus.com.mt**
**www.bacchus.com.mt**

Mintoff kien responsabbli mill-Korp tal-Pulizija, imma nista' ngħid li ftit dehru s-suġġerimenti li ppropona l-Prim Ministru u l-ftit li dehru kienu jew ma twettqux, jew damu biex twettqu.

### L-ewwel ħarġa




Qoxra ta' l-ewwel ħarġa tal-magazine

Għalkemm l-ewwel Magazin kien lest biex jiġi stampat ġimgħat qabel ħareġ, il-launching tiegħu kien sar fil-5 ta' Mejju 1977. Fl-ewwel ħarġa l-bord editorjali xtaq messaġġ mill-Prim Ministru u dan ħa ftit taż-żmien biex akkwistajnieh. Għall-launching ġiet mistiedna l-Istampa u biex sar dan kellna l-barka ta' kulħadd għax kulħadd fehem li dak li kien qed isir kien għall-ġid tal-Korp.

### Diżgwid wara l-ewwel ħarġa

Meta bdiet titħejja t-tieni ħarġa tal-Magazin kien hemm diżgwid bejn il-bord editorjali u l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija, u Nestru Spiteri flimkien mal-Maġġur Camilleri u s-Surġenti Francis Debattista u Manwel Schembri ma baqgħux fil-bord. Għalhekk l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ħatret bord ieħor u filwaqt li jiena, Michael Marshall u Alfred Debattista bqajna fil-bord, magħna żdiedu A. Mifsud, A. Abela, J. Calleja u D. Cassar. Ma nkunx ngħid is-sewwa jekk ma nsemmix li l-bord editorjali qatt ma ffunzjona kif wieħed kien jistenna u x-xogħol biex jinkiseb il-materjal għall-pubblikazzjoni dejjem baqa' fuqi, fuq Michael Marshall u Alfred Debattista, li llum jifforma parti mill-bord editorjali.

Jekk ma niżbaljax, kien mit-tieni ħarġa li ġie deċiż li l-Magazin kellu jingħata mingħajr ħlas lil kull membru tal-Korp. Dan sar wara mozzjoni li jien ressaqt waqt laqgħa ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija li jiena kont is-segretarju ġenerali tagħha.

### L-ewwel kontributuri

Bi pjaċir insemmi xi wħud mill-ewwel kontributuri, fosthom tnejn li għalkemm qatt ma kienu fil-bord, dejjem sibt l-għajnuna tagħhom. Dawn kienu l-mibki u ħabib tiegħi Anthony Mifsud Tommasi, li aktar tard sar Deputat Kummissarju u l-ewwel kmandant ta' l-Akkademja tal-Pulizija, u l-ħabib tiegħi l-ieħor Walter Camilleri (ex-PC 35). Minn Walter dejjem sibt għajnuna kbira u kien jikteb artikli interessanti bl-ewwel wieħed dwar l-Avukat Anton Buttigieg li fiż-żmien li kien ippubblikat l-artiklu kien il-President tar-Repubblika. Ta' interess jissemma' li bejn l-1942 u l-1944 Anton Buttigieg serva ta' Spettur tal-pulizija.

Mifsud Tommasi ma kienx ried li l-artiklu jidhru f'ismu u bdew jidhru f'isem ibnu, Mario, li f'dak iż-żmien kien Spettur u wara sar Supretendent. Niftakar tajjeb meta fil-ħames ħarġa tal-Magazin ippubblikajt każ interessanti li kien sar fl-Ingilterra meta ħalliel mar jisraq u ma sab x'jisraq. Għalhekk fil-Magazin għamilt il-mistoqsija: 'Tista' tisraq minn but vojt?'. F'artiklu ddettljat u interessanti Mifsud Tommasi tagħni tweġiba b'diversi sentenzi tal-qorti.

Kontributur ieħor li kien jikteb kull xahar kien is-Surġent tal-Pulizija ta' l-Air Force f'Malta, Alan Jackson. Tajjeb li jissemma' li t-taqsima ta' l-Air Force f'Malta kellha skwadra kontra l-abbuż mid-droga mill-membri tagħha. Jista' jingħad ukoll li l-ewwel taħriġ li ħadu l-membri tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta kien mingħand dan is-Surġent.

Il-lista ta' dawk li bdew jiktbu artikli fil-Magazin bdiet tiżdied u xieraq li jissemmew f'din il-kommemorazzjoni. Fost dawn kien hemm id-Direttur tal-ħabs, Ronald Theuma, il-Maġġur (aktar tard Brigadier) Maurice Calleja, li kien espert ballistiku, u t-Tabib L.J. Spiteri, li wkoll kiteb dwar id-drogi. Ma' dawn kien hemm oħrajn bħal Kuntistabblijiet Joseph Borda u Joseph Sciclunа. Imbagħad ingħaqdu magħhom xi nisa ta' membri tal-Korp bħal Tessie Incorvaja, Carmen Calleja u Rose Abela (jekk ma niżbaljax din ta' l-aħħar kienet mart l-Assistent Kummissarju preżenti Alfred Abela).




L-ewwel Kontributuri

F'ħarġa minnhom Rose kitbet dwar "Il-ħtieġa ta' Police Club". Kif intqal fl-artiklu tagħha, din l-idea kienet ilha tissemma' u kellhom jgħaddu madwar tliet snin oħra sakemm saret realtà. Imma dan huwa suġġett li għandu jkun irrakkontat għalih.

### Suġġerimenti fl-editorjali

L-editorjal tal-Magazin kont nieħu ħsiebhom jien u peress li fl-ewwel ħarġiet ma kien hemm l-ebda ċensura, mhux l-ewwel darba li qlajt ħasla 'minn fuq'. F'editorjal minnhom kont ipproponejt parteċipazzjoni mill-membri kollha tal-Korp f'ċerti deċiżjonijiet. F'editorjal ieħor kont tlabt li jsir tibdil fl-Ordinanza tal-Pulizija u għamilt sejħa lill-membri tal-Korp biex jibgħatu s-suġġerimenti tagħhom. Ma kont irċevejt l-ebda ittra u l-Kummissarju ta' dak iż-żmien heddidni li jieħu passi dixxiplinarji kontra tiegħi jekk inkompli nikteb b'dak il-mod. Kien hawn li Michael Marshall ipproponieli biex inġib ismu fl-editorjali biex ma niġix f'inkwiet. Imma ftit wara kien il-Gvern li talabna nagħmlu r-rakomandazzjonijiet tagħna dwar it-tibdil fl-Ordinanza tal-Pulizija.

F'editorjal ieħor kont ikkritikajt il-mod ta' kif wara li membru tal-Korp jiddeċiedi li jirtira bil-pensjoni, ħadd mid-diriġenti tal-Korp ma kien jibgħat għalih u jirringrazzjah u jawguralu. Dakinhar kont irrikkmandajt li kellu jkun il-Kummissarju li jagħtih iċ-ċertifikat u għidt ukoll "li din il-laqgħa ta' ftit minuti tibqa' tifkira f'moħħ dak il-pensjonant". Illum, jekk ma niżbaljax, dan qed isir.

Għalkemm ma kienx jingħata widen għal dawn is-suġġerimenti, f'editorjal tal-ħarġa tal-Milied ta' Diċembru 1978 kont issuġġerejt li fiż-żmien ta' dawn il-festi ssir laqgħa għall-eks membri tal-Korp. Niftakar tajjeb li l-ħabib tiegħi l-mibki Michael Marshall kien qalli "għax ma tkellimtx qabel dwar din l-idea". Fis-sena ta' wara, jiġifieri f'Diċembru 1979 din il-laqgħa li sejjaħniela "Get-Together tal-Pensjonati" saret fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u bi pjaċir wieħed jgħid li baqgħet issir. Dakinhar rajt pensjonati jibku bil-ferħ.

F'aktar editorjali komplejt nikteb dwar il-ħtieġa ta' Police Club u, fuq kollox, li l-Pulizija għandha jkollha l-'Police Day'. Dwar dan l-aħħar suġġett kont ktibt żewġ editorjali, l-ewwel wieħed f'Ġunju 1979. Dakinhar kont semmejt li biex tikber il-kooperazzjoni bejn il-pubbliku u l-Korp kienet meħtieġa attività ta' din ix-xorta fejn il-pubbliku jkun mistieden jara kif jaħdmu d-diversi taqsimiet tal-Pulizija. Imbagħad f'Lulju 1980, wara ftit xhur li l-Korp kellu Kummissarju ġdid, kont tennejt l-istess appell u għalaqt l-editorjal hekk: "Il-JUM għandu jkun it-12 ta' Lulju, id-data tat-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta mija u sitta u sittin sena ilu".

Sadanittant, meta aktar qabel kienet saret sejħa mill-Kummissarju biex kull min kellu xi suġġeriment dwar it-tmexxija tal-Korp seta' jagħmlu, fost is-suġġerimenti tiegħi kien hemm dan ta' Jum il-Pulizija.

Fuq l-istess suġġett irrid insemmi li fl-aġġornament tal-Parlament ta' waħda mis-seduti, l-Avukat Guido De Marco li, kif diġà semmejt kont bqajt nibgħatlu l-Magazin, kien tkellem favur din il-proposta. Imma kien f'Lulju 1984 li l-Korp iċċellebrha għall-ewwel darba u dan ma sarx fuq l-iskala kif qed isir fl-aħħar snin.

Suġġeriment ieħor li kont għamilt permezz tal-Magazin kien dwar reviżjoni taċ-ċirkularijiet u bi pjaċir nistqarr li kien ingħata bidu għal dan u ċ-ċirkularijiet dwar policy kienu jingħataw lil kull membru tal-Korp. Imma wara xi żmien dan ma baqax isir.

### Aktar kontributuri

Xi ħaġa li ma semmejtx kien il-fatt li kien hemm żmien meta l-Magazin ma baqax joħroġ kull xahar, imma kull xahrejn. Kien hemm problemi bil-ġbir tar-reklami, kif ukoll bil-materjal għall-pubblikazzjoni. Sadanitant żdiedu aktar kontributuri u bi pjaċir insemmi li anke l-Imħallef Joe Galea Debono, f'dak iż-żmien avukat u espert tat-traffiku, kien kiteb sensiela ta' artikli dwar it-traffiku. Kien hemm ukoll kontribuzzjonijiet mill-Avukat Vincent De Gaetano, illum il-President tal-Qorti, u l-Imħallef Joseph Filletti.

Żewġ kontributuri oħra li llum m'għadhomx magħna kienu l-Kavallier Joseph Galea u t-Tabib Paul Cassar, dan ta' l-aħħar awtorità dwar l-istorja medika f'Malta. Sadanitant kienu żdiedu diversi membri tal-Korp li kienu fil-bord editorjali, fosthom Andrew Seychell, illum Assistent Kummissarju, Joseph Psaila li wkoll sar Assistent Kummissarju u s-Supretendent George Grech li sar Kummissarju. Tajjeb li jissemma' wkoll li meta l-Ispettur Alfred Debattista rtira mis-servizz l-aħbarijiet sportivi komplew isiru mis-Surġent (aktar tard Supretendent) Ronald Cilia.

Wara t-twaqqif ta' l-għaqda tal-Pensjonanti tal-Pulizija, l-għaqda ngħatat spazju fil-Magazin biex iġġib l-aħbarijiet tagħha u l-ewwel xogħol sar mill-eks Surġent Lorry Muscat. Illum dan ix-xogħol qed isir minn Alfred Debattista u b'hekk dan sab ruħu mill-ġdid fil-bord editorjali.

### Memorji u nostalġija



Il-magazin b'rapport dwar l-ewwel summer camp għat-tfal tal-membri tal-korp.

Meta nqalleb fil-ħames volumi tal-Magazin li għandi llegati, jiġifieri fiż-żmien li kont inkarigat minnu, nsib bosta rapporti u ritratti li jġibuli memorji u nostalġija. Diġà semmejt xi wħud mill-attivitajiet li dejjem xtaqt nara jsiru u saru ħafna snin wara. Ma' dawn kien hemm attivitajiet oħra u hawn ma nistax ma nsemmix il-famuż Summer Camp għat-tfal tal-membri tal-Korp li sar fl-iskola tal-Gvern ta' Wied il-għajn fis-sajf tal-1979, is-sena internazzjonali tat-tfal. Dakinhar konna stedina lill-President tar-Repubblika Anton Buttigieg biex jiġi jżurna u aċċetta. Kont ippreparajt diskors ta' merħba u ddeċidejna li kellu jinqara mill-aħjar tifel jew tifla li nagħżlu. L-għażla waqgħet fuq bint is-Surġent Romeo Micallef. Il-President Buttigieg kien wara qalli li kien ħa pjaċir ħafna b'din l-attività.



Ħarġa speċjali fil-170 anniversarju tal-korp




# When was the last time you had some fun saving money?

*Park Towers*
THE PRICE CHOPPER
SUPERMARKETS

**The best prices and the widest choice with ongoing offers for a fun-shopping experience.**

Spend Lm40 and get 1 free case of local mineral water & 1 free case of local soft drinks!





The Mall, Park Towers, St.Julians - Tel: 2137 8520 - Fax: 2138 8241
Psaila Street, St Venera - Tel: 2148 0807 - Fax: 2148 5559

**PART OF THE GS GROUP OF COMPANIES**

*Ristorante*

# COSMANA NAVARRA



Just opposite St.Paul's Grotto
and main church in Rabat.





St.Paul's Street,
Rabat, Malta
Tel: 2145 0638



## Staying the night with friends?

## Here's the perfect solution to comfortable sleeping arrangements in just 60 seconds!



**Over 20 million sold in the UK**



### Space-saving, instant comfort in 60 seconds!

Why leave your guests uncomfortable on the sofa when they stay over?

Pull out your AeroBed®, plug it in and it'll inflate itself at the touch of a button.
Raised or mattress style, it's every bit as comfy as a 'real' bed. So wake up to the advantages of an AeroBed® and let your guests enjoy a great night's sleep wherever you have a room.

aero bed

***For further information please contact:-***
***Alfred Gera & Sons Ltd. Triq il-Masgar Qrm 09 Qormi***
***Tel: +356 21 446 205 – Fax: +356 21 445 111***

Avveniment ieħor imfakkar fil-Magazin kien il-ħruġ ta' sett bolli kommemorattivi f'għeluq il-170 sena mit-twaqqif tal-Korp fl-1984. It-talba kont għamiltha lill-Kummissarju aktar minn sena qabel. L-awtoritajiet tal-Posta m'appruvawx mill-ewwel dan il-ħruġ ta' bolli għax qalu li 170 ma kienx in-numru addattat. Madankollu l-Kummissarju Lawrence Pullicino baqa' jinsisti u l-korrispondenza mal-Posta kienet issir mill-mibki Pawlu Mamo, l-Assistent Kummissarju. Imbagħad wara li kellna l-approvazzjoni kienet saret kompetizzjoni pubblika u rebaħha l-artist Luciano Micallef li għamel sett bolli mill-isbaħ li dehru bil-kulur fil-qoxra tal-magazin. Kienet l-ewwel darba li ntuża' l-kulur u dan seta' jsir mingħajr spejjeż żejda għax il-Posta tagħtna permess nużaw il-colour separtions li kienet għamlet hi.

F'dik is-sena wkoll ġiet ippreżentata coach lid-Dar tal-Providenza u Monsinjur Mikiel Azzopardi kien irċieva ċ-ċwievet tagħha waqt ċerimonja fil-bitħa tas-CID. Il-coach kienet ġiet irranġata, imma qabel kienet inxtrat b'kontibuzzjonijiet mill-istess membri tal-Korp.

Fl-istess ħarġa, li kienet waħda speċjali, kienet dehret intervista ma' l-eks Supretendent Joseph Spiteri li kien l-ewwel parade commander minn meta l-Pulizija bdiet tagħmel il-parati bl-azzarini. U hawn nikkwota minn dak li qal is-Sur Spiteri dwar il-parati ta' żmienu: Dak kien żmien sabiħ għalija u għal dawk il-membri tal-Korp li kienu jifformaw parti mill-kontinġent tal-parata. Konna nagħmlu parati sbieħ u l-uniformi, l-elmu l-abjad, it-tul fejn kważi kulħadd kien fih sitt piedi, u lis-smartness tagħna kienet toħloq verament spettaklu.

Avveniment ieħor li sar qabel dan u li deher f'ħarġa tal-Magazin kienet il-preżentazzjoni ta' sett emblemi tal-Pulizija li nagħtaw lill-preżentatur Taljan Mike Bongiorno. Dan sar meta membri tal-Grupp Mużikali tal-Pulizija kien żar Ivrea, fl-Italia, fiż-żmien il-karnival tal-1984 u ġew mistiedna jattendu waqt wieħed mir-recordings tal-programm popolari Super Flash li kien jippreżenta Mike Bongiorno.



Is-surġent Michael Marshall (lemin) l-ewwel editur tal-magazine (Ħdejh jidher l-Assistent Kummissarju Pawlu Mamo

Aktar qabel semmejt lill-Assistent Kummissarju Pawlu Mamo, ġentlom li tgħallimt ħafna minnu. Erġajt semmejtu għax dan kien tqabbad mill-Kummisarju biex jara l-materjal tal-Magazin qabel il-pubblikazzjoni. Pawlu Mamo qatt m'oġġezzjona għal dak li kont se nippubblika minkejja li darba rriproduċejt artiklu 'jaħraq' miktub mill-Professur Ġużè Aquilina. L-artiklu kien deher fil-ħarġa tal-gazzetta "Il-Ħajja" tat-28 ta' Jannar 1980 u kellu t-titlu: "Mhux fl-interess tal-pajjiż tiddemoralizza l-Korp tal-Pulizija". Dan kien deher fil-ħarġa tal-Magazin ta' Frar 1980 u dakinhar għażilt li nippubblika dan l-artiklu minkejja ċerta kritika ħarxa li kien fih. Għażilt li nagħmel skond l-espressjoni Publish and be damned kif qal ħafna snin ilu id-Duka ta' Wellington.

### Permessi biex jiġu ppubblikati artikli

Fiż-żmien li kont inkarigat minn din il-pubblikazzjoni kont nirċievi l-Magazin li kienet tippubblika l-Federal Bureau of Investigations, kif ukoll il-Magazin tal-Federazzjoni tal-Pulizija Ingliża. Dawn ir-rivisti kien ikollhom artikli mill-aktar interessati u għalhekk kont tlabt permess li nippubblikhom u tawni l-awtorizazzjoni meħtieġa.

### Il-pubblikazzjoni tieqaf għal xi żmien

Kien hemm żmien li l-Magazin waqaf, imbagħad kompla b'dehra xi ftit aħjar u aktar paġni. Sadanitant, minkejja li l-Magazin baqa' suppost l-organu ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija, il-bord editorjali beda jinħatar mill-Kummissarju. Imbagħad xi ħadd ġietu l-idea li r-reklami ma jibqgħux jinġabru mill-aġenzija tar-reklami, imma li kellu jsir minni. Dan kien il-bidu tat-tmiem għalija għax ma kontx maħluq għal dak ix-xogħol. Dwar din id-deċizjoni nippreferi li nieqaf hawn.

### Konklużjoni

Illum meta nirċievi l-Magazin inqaleb fil-paġni u nara kemm tjiebet il-preżentazzjoni tiegħu, għalkemm fl-opinjoni tiegħi hemm x'jittranġa. Niddejjaq nara ritratti żgħar u mingħajr caption taħthom. Nippreferi nara ritratt wieħed minflok tlieta, imma li jkun ta' ċertu kobor.

Illum li jien l-editur tal-magazin "Delitti u Misteri" tgħallimt bi preżentazzjoni ta' Magazin ferm differenti milli kont nagħmel fil-Pulizija.

Ħaġa oħra li dejjem ilmentajt dwarha kien il-fatt li ħafna mill-membri tal-Korp ma kinux interessati fil-Magazin u ma jaqrawhx. Nawgura li dan m'għadux isir għax dejjem hemm x'titgħallem minnu. Nawgura wkoll il-bord editorjali preżenti u nixtieqilhom *ad multos annos.*


JOHN WEST
JOHN WEST TUNA STEAK In Brine
JOHN WEST TUNA STEAK In Sunflower Oil
JOHN WEST PINK SALMON
Insist on the best.
23939 - 06/2002


Est. 1931
LAMB BRAND
for a healthy lifestyle
WWW.CCINI.COM


Sur A. Debattista

# L-Edituri li ħadu ħsieb il-Magazine


Michael Marshall


Eddie Attard


Joe Calleja


Anġlu Farruġia


Martin Ellul


Carol Fabri

*Kienu sitta il-persuni li matul it-tletin sena li ilhu jiġi ppubblikat ħadu ħsieb il-Magazine 'Il-Pulizija' bħala Edituri. Dawn kienu :*

**Michael Marshall:**
bejn is-snin 1977 u 1979.
**Eddie Attard:**
bejn is-snin 1979 u 1986.
**Joe Calleja:**
matul sena 1986 / 1987.
**Martin Ellul:**
bejn is-sena 1987 – 1989; u 1995-2003.
**Anġlu Farrugia:**
bejn is-snin 1989 u 1994.
**Carol Fabri:**
bejn is-snin 2003 -

L-ewwel editur kien Michael Marshall li serva f'din il-kariga bejn l-1977 u l-1979. Huwa kien ukoll, flimkien mas-Supretendent Ernest Spiteri, li ħoloq l-idea li jinħareġ Magazine bħal dan.

Dan meta kien ukoll il-President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija li fiha serva għal ħafna snin. Michael Marshall ingaġġa fil-Korp bħala Kuntistabbli Nru.919 fl-10 ta' Jannar 1957 u, bejn it-18 ta' Marzu 1957 u l-4 ta' Lulju 1971 serva fid-Diviżjonijiet A, D, S u M.

Ġie promoss fir-rank ta' Surġent fit-8 ta' Marzu 1971 u sa Mejju tal-1981 kien stazzjonat fid-Diviżjon "L" , fis-CID u fl-RSM Office minn fejn kien ukoll jieħu ħsieb l-Other Ranks Canteen.

Fil- 31 ta' Marzu 1981 laħaq Maġġur u , sa Mejju 1982 serva fl-Uffiċju tal-RSM / O.R. Canteen, fil-GHQ Posting Pool u fid-Diviżjonijiet "C", "K" u "L" anke bħala Detail Officer. Michael Marshall temm karriera ta' 25 sena servizz fit-18 ta' Mejju 1982. Min għandu ma stajtx nieħu kumment għaliex sfortunatament ħalliena ftit tax-xhur ilhu.

Wara Michael Marshall kien imiss lil Eddie Attard li jieħu dan l-inkarigu meta serva bħala Editur bejn is-snin 1979 u 1986. Qabel din il-ħatra Eddie kien diġa' jifforma parti mill-Bord Editorjali. Huwa ħadem ħafna biex il-Magazine ikollu kontenut ta' kwalita' inklużi rapporti dwar Organizzazzjoni fil-Korp, liġijiet u artikli ta' interess partikulari u ta' livell. Kien żmien kemxejn diffiċli sakemm il-Magazine qabad ir-ritmu meħtieġ.

Eddie ngaġġa fil-Korp bħala Kuntistabbli Nru.355 fl-1966. Wara sitt xhur stazzjonat f'Tas-Sliema u fil-General Service Section ġie ttrasferit għas-Central Citations Office. F'Ġunju tal-1967 ġie stazzjonat fil-Personnel Section fejn dam sa Marzu 1977 meta ġie nkarigat mix-xogħol tal- Magazine u ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija.

Meta spiċċa minn Segretarju Ġenerali ta' l-Assoċjazzjoni, flimkien ma xogħol ieħor, baqa' nkarigat mix-xogħol tal-Magazine u minn pubblikazzjonijiet oħra li ħareġ il-Korp, jiġifieri, il-Kodiċi Kriminali (żewġ verżjonijiet), il-Kodiċi tal-Pulizija, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, F'Ġieħ il-Haqq (l-ewwel u t-tieni volum) u r-Regolamenti tat-Traffiku.

Eddie Attard temm karriera ta' 20 sena servizz fl-1986. Ma kellix bżonn nitlob kumment lil Eddie għaliex tana tagħrif biżżejjed fil-kitba tiegħu.

It-tielet persuna li ħadet l-inkarigu ta' Editur kien Joe Calleja li ħa ħsieb il-Magazine matul is-sena 1986/87

Joe ingaġġa fil-Korp bħala PC307 fit-3 ta' Awissu 1965 u ġie stazzjonat fil-Y Division (Drydocks). Wara serva fid-Distrett tal-Belt, fil-Criminal Records Office għal 7 snin, fil-Personnel Section, Price Control Section.

Huwa ġie promoss bħala Surġent fl-1981. Għall-ewwl baqa' jservi fil-Price Control Section iżda wara ħadem fil-Marsa/Ħamrun u l-Emigration (Airport u Sea Port) sakemm ġie ttrasferit għal Librerija tal-Pulizija fejn beda x-xogħol bħala Editur tal-Magazine.

Wara dan huwa ġie trasferit għat-Trading Licences Section, kif ukoll ħadem f'B'Kara u Sliema San Ġiljan.

Huwa temm karriera ta' 25 sena servizz fis-17 ta' Awissu, 1990. F'kumment li tana Joe fakkar li dak iż-żmien, wieħed mill-uġigħ ta' ras ta' l-

Editur kien it-tisfiq ta' wiċċ biex jinġabru r- riklami biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjes ta' l-istampar, ħaġa li ġarrbuha wkoll ta' qablu. Kienu jiġu stampati 3,000 kopja kull xagħrejn u l-Magazine kien jitqassam b'xejn lil kull membru tal-Korp, pensjonanti, membri tal-Ġudikatura u tal-Kamra tar-Rappreżentanti u skejjel. Membri tal-pubbliku setgħu jixtru kopja minn għand Stationers ewlenin.

Problema oħra li semma' Joe kien il-għbir ta' artikli li kien ikollu bżonn fil-ħin minħabba l-iskeda li kien ikollu biex ikun fil-ħin għall-pubblikazzjoni, minn barra l-bżonn ta' attenzjoni fil-kontenut u l- proof reading qabel ix-xogħol imur għall-istampar. Joe fakkar ukoll illi kien ukoll fi żmienu li l-Magazine beda jkun stampat bil-kulur.

Wara Joe Calleja kien imiss lil Martin Ellul li jieħu ħsieb il-Magazine bħala r-raba' Editur. Martin kellu d-distinzjoni li jkun l-Editur f'żewġ perjodi, jiġifieri bejn l-1987-89 u l-1995-2003. Huwa ngaġġa fil-Korp bħala Kuntistabbli Nru.512 fil-5 ta' Frar 1979 u beda jservi fil- G.H.Q.

Matul l-24 sena li dam fil-Korp, Martin serva wkoll fl-M.T. Section fid-Diviżjonijiet A, E u I, fil- Control Room, Security Branch, Price Control Section u fid-Distrett Numru.5.

Fis-snin 1986-1989 u 1993-1999 huwa serva fil-Librerija tal-Pulizija meta wkoll kien jieħu ħsieb il-Magazine bħala Editur. Martin spiċċa mis-servizz fl-14 ta' Marzu 2003.

F'kumment li tana Martin semma', bħal ta' qablu, il-problema tar-riklami u tal-kontribuzzjoni ta' artikli li kien ikollu bżonn. Ġieli kellu jiddependi minn artikolisti barra mill-Korp. Pero' sostna wkoll illi bl-għajnuna ta' ħafna kien jasal għal dak li kien meħtieġ – għalkemm b'ħafna taħbit u dan ukoll tah esperjenza li għadu jużaha anke illum.

Editur ieħor tal-Magazine kien is-Sur Anglu Farrugia, illum Avukat u membru Parlamentari. Huwa ħa ħsieb il-Magazin bejn l-1989 u 1994. Dr. Farruġia ingaġġa fil-Korp bħala Spettur fis-7 ta' Diċembru 1977 . Sa Awissu tas-sena 1988, huwa serva f'għadd ta' Diviżjonijiet fosthom R, K, M, S u Ħ fi snin differenti, kif ukoll fis-CID u General Investigation Squad, Fraud Squad, Security u GHQ. PCO.

Serva wkoll bħala Officer in Charge fid-Distrett Nru.2 u Traffic Branch. Is-Sur Farruġia laħaq Supretendent fl-1 ta' Settembru 1988 u serva fil-Licensing Office u fid-Distretti Nri. 4, 7 u 9 sakem spiċċa mill-Korp fit-30 ta' Jannar, 1996.

F'kumment li tani Dr. Farruġia semmgħa esperjenza unika meta, bħala Editur, xtaq jintervista lil eks-Assistent Kummissarju E. Bonnici Soler, li dak iż-żmien diġa' kellu xi 90 sena, u li kien jgħix Londra. Huwa mar għandu (ħallas minn butu) biex jintervistah. L-intervista kienet ġiet ippubblikata fl-intier tagħha u ħarġet eċċellenti. Ftit żmien wara, is-Sur Bonnici Soler kien ġie Malta u reġa' ltaqa' miegħu u ftit wara sfortunatament ħalliena. Is-Sur Farruġia iddeskriva lis-Sur Bonnici Soler bħala fizzjal ta' karattru sod li ma jinsieħx. Ħafna bħali jaqblu miegħu għax ħdimna taħtu wkoll.

L-Editriċi preżenti hija WPS 93 Carol Fabri li assumiet din il-kariga wara Martin Ellul fl-2003. Taħt Carol, il-Magazine baqa' juri titjib sostanzjali u fiż-żmien riċenti, il-kontenut beda jkun kollu bil-Malti. WPS Carol Fabri ingaġġat fil-Korp f'Lulju ta' l-1991 u serviet l-ewwel fl-ID Card Section u fl-I.T. Section. Wara ġiet trasferita għas-C.M.R.U fejn għadha Sal-lum. Hija ġiet promossa fir-rank ta' Surġent fit-28 ta' Lulju, 2004.

F'kumment li tatni Carol irreferit għax-xogħol involut biex ittellgħa rivista bħal din. Għalkemm kultant anke tiltaqa' ma diżgwid, huwa ta' sodisfazzjon għaliha li tisma' kummenti dwar kemm għola l-livell tal-Magazine.

Ħaġa li lilha tirritaha hija l-ideoloġija żbaljata ta' xi wħud li jaħsbu li l-Magazine huwa ħela ta' flus għal-Korp. Minn naħa l-oħra, minbarra l-maġġoranza kbira tal-membri tal-Korp u Pensjonanti li japprezzawh, hemm anke pajżana li kull tlett xhur iċemplulha biex jistaqsu meta ser toħroġ il-ħarġa li jkun imiss, biex ma jkollhomx ħarġiet nieqsa fil-kollezzjoni tagħhom.

Meta staqsejtha għaliex tuża' il-lingwa Maltija biss u mhux dik Ingliża, jew taħlita tat-tnejn, kienet ċara r-risposta: Bħala ċittadina Maltija, li l-lingwa tiegħi illum hija rikonoxxuta bħala waħda mill-lingwi Ewropej, ma ħsibtx li l-Malti kelli nagħtih il-ġenb. Huwa veru li forsi ċertu kliem u espressjonijiet joħorġu aħjar u rpużati bl-Ingliż, imma għaliex għandi narmi l-lingwa li tant iġġieldu għaliha missirijietna?

Fuq nota personali rrid ngħid illi wara li kont fl-ewwel Bord Editorjali fl-1977 sakemm irtirajt mill-Korp fl-1981, kellu jkolli l-okkażżjoni li, meta għadni nservi fl-Għaqda Pulizija Pensjonanti, nieħu ħsieb il-paġni ta' l-Għaqda għal dawn l-aħħar snin – kif għadni nagħmel.

Dan wara li għal ħafna snin qabel dan l-inkarigu kien f'idejn Vincent Zahra, Viċi-President ta' l-Għaqda. Nieħu gost ukoll nirrimarka li wara snin twal li ili li rtirajt mill-Korp, kelli nerġa' nsib ruħhi bħala membru fil-Bord Editorjali fejn ili nservi għal dawn l-aħħar ħames snin.

Minn kemm ilha mwaqqfa l-Għaqda tagħna, dejjem kellna rappreżentant fil-Bord Editorjali. Fl-1980 kien innominat Lorry Muscat, li serva sakemm miet u, warajh, kellna lil Vincent Zahra, sakemm dan l-inkarigu waqa' fuqi.


RoadWise
Sewwieqa bil-għaqal issa jistgħu igawdu mill-polza "RoadWise"
• Għandek aktar minn tletin sena?
• Għadek ma għamiltx "claim" għal dawn l-aħħar erba' snin?
• Trid tibbenefika mis-sewqan bil-għaqal tiegħek?
• Għandek polza ta' l-assigurazzjoni tal-vettura tiegħek fuq bażi "Comprehensive" jew "Third Party Fire and Theft"?
Jekk inhu hekk, inti tista' tibbenefika minn rati kompetittivi fuq il-polza RoadWise. Għal aktar informazzjoni nistednuk iżżur l-uffiċċju tagħna ġewwa l-Furjana jew xi waħda mill-fergħat tagħna.
www.Citadeldirect.com
FAIR
Citadel Insurance p.l.c. • Casa Borgo • 26 Market Street • Floriana FRN 1082
Tel: 2557 9000 • Fax: 2557 9550 • Freephone: 8007 2322 • E-mail: info@citadelplc.com
Branches: Gżira 2133 2151 • Ħaż-Żebbuġ 2146 3559 • Naxxar 2141 9198 • Paola 2180 6247
Citadel insurance
Citadel Insurance p.l.c. hija awtorizzata biex tmexxi kummerċ ta' l-assigurazzjoni ġenerali u fit-tul taħt l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni u hija regolata mill-Awtorita għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.


Special Price on Alloy Wheels 14 inch
Lm180.00
until stock lasts
CITROËN C1
Standard Features: Airconditioning, Remote Central locking, Front Power Windows, Front/Side Airbags, Power Steering, ABS Brakes, Rev Counter, Velour Seats, Rear Headrests
Was Lm 5,450 Now Lm 5,190
CITROËN C2
Standard Features: Airconditioning, Remote Central Locking, Front Power Windows, Front Airbags, Power Steering, ABS Brakes, Rev Counter, Roof Spoiler, Front Spoiler, Front Fog Lamps, Electric Side Mirrors
Was Lm 6,150 Now Lm 5,700
CITROËN C3
Standard Features: Airconditioning, Remote Central Locking, Front Power Windows, Front Airbags, Power Steering, ABS Brakes, Rev Counter, Electric Side Mirrors
Was Lm 5,950 Now Lm 5,490
Free Navigation System on all these models: C1, C2 & C3
Offer valid till end of June
MUSCATS MOTORS
Rue D'Argens, Gzira GZR 1368 Tel: 2326 4585, 2326 4000
Fax: 2326 4592 E-mail: info@mml.mizzi.com.mt
CITROËN
www.citroen.com.mt
C1 Fuel Consumption: 1.0i petrol engine in mpg (L/100Km): Urban condistion 51.4 (5.5). Extra urban 68.9 (4.1). Combined 61.4 (4.6). Co2 Emissions (g/km) 109.
C2 Fuel Consumption: 1.1i 61hp in mpg (L/100km): Urban 7.5 (36.7), Extra Urban 4.8 (58.9), Combined 5.8 (48.7). Co2 Emission 138 (g/km).
C3 Fuel Consumption: 1.1i 61hp in mpg (L/100km): Urban 7.6 (37.2), Extra Urban 5.0 (56.5), Combined 6.0 (47.1) Co2 Emissions 143 (g/km).

# YOUR SECURITY PARTNERS

## WHEN AND WHERE IT MATTERS MOST



We at Shield continually strive to improve training within the security and risk management industry. In today's world, situations change very quickly and security professionals need to become adaptable, knowledgeable and pragmatic in their approach to protecting business interests. In our Training Calendar for this year, we have introduced a variety of courses intended for a cross section of personnel within industry and other organizations. We regularly run training courses tailored for the needs and requirements of Executive Management, General Management and Supervisory Staff and Security professionals. A sample of our courses for 2007 includes:

* Business Continuity Planning
* Security Risk Assessments
* Security Planning, Policy and Procedures
* Preparing for Security Audits and Inspections
* Guard License courses and Refresher Courses
* Our unique "How to ….. " series of practical, competence-based courses
* Other Courses

We invite you to visit our website at www.shield.com.mt for more information. Better still, why don't you contact our Training Coordinator on 21446980 or at training@shield.com.mt for an appointment?

**SHIELD**
SECURITY CONSULTANTS

Suite 2 Network Building, Industrial Zone, Mriehel BKR 14 Malta Tel: +356 21 446 980 Fax: +356 21 497 045 Cell: +356 99 424 811
E-mail: consult@shield.com.mt

**www.shield.com.mt**

Our vision:



"Aspiring to be an international benchmark for customer centric and cost efficient Total Logistic Solutions."

Emmanuel Vella & Sons LIMITED
www.emmvs.com

EXPRESS TRAILERS
www.expresstrailers.com

EXPRESSFREIGHTS LIMITED
www.expresstrailers.com

Eyre Travel Ltd
www.eyretravelmalta.com

VELBRO HOUSE, QORMI ROAD, LUQA LQA 9040, MALTA



Walter Camilleri

# Awguri lil dan il-Magazine

Id-29 ta' Marzu 1977 jimmarka l-jum li fiħ twieled il-Magazine tagħna "IL-PULIZIJA", allura 30 sena ilu, daqs li kieku għomor ta' bniedem fil-Korp.

Kien il-leħen tal-Korp tal-Pulizija - li ma tantx kien jgħajjat – u tal-Federazzjoni tagħna, allura l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija. Konna akkwistajna "biċċa" leħen li kellu jkun intunat skond iż-żmien u ċ-ċirkustanzi.

Kif jaf kulħadd, il-membri tal-Korp mhux faċli għalihom li "jgħollu leħinhom" biex isemmgħu l-ilmenti taħt forma jew oħra, jew biex jieħdu d-drittijiet tagħhom. L-imgħoddi kien ferm agħar mil-lum. Qatt fl-imgħoddi ma kien faċli (u legali) li xi ħadd isemma' leħnu u juri l-ilmenti tiegħu fil-pubbliku "bil-kitba" u/jew li jipprotesta b'dan il-mod fl-apert fil-gażżetti.

Dan kien meqjus bħala "oltraggio", outrage u saħansitra xi forma ta' attentat kontra l-Kuruna. Imma meta spiċċat il-Kuruna, xorta waħda konna bqajna fl-istess ilma jew keffa għal snin oħra kbar wara. U għadna. Ma' tistgħax tikteb kollox, imma għamilna passi kbar il-quddiem f'dan il-qasam.

Iż-żmien beda jsajjar il-bajtar, bħal dejjem. U l-mentalita' u l-maturita' tal-poplu u ta' l-Amministrazzjonijiet Governattivi kienu bdew jissaffew u jistanew fl-apprezzament lejn id-drittijiet u l-liberta' ta' l-espressjoni, fost oħrajn. U l-kitba ta' protesti, xewqat u suġġerimenti fuq il-gazzetti bdiet titħalla dejjem aktar, b'ċerta kawtela u tkun iċċensurata dejjem anqas.

Imma l-Pulizija u l-Korp kienu baqgħu mrażżna. Leħinhom kien baqa' fgat għal għexieren kbar ta' snin. B'danakollu, f'kull żmien kellna fil-Korp dawk l-elementi fuq tagħhom, li mhux biss kienu jafu jieħdu tagħhom, imma wkoll kien kapaċi jwasslu leħinhom fl-għoli, imqar taħt l-anonimu.

Bħalissa qed inġib quddiem għajnejja x'għadda minn, għal ċerti wħud membri tal-Korp f'kull Rank - l-aktar Fizzjali – li kienu għollew leħinhom, anke bi ksur tal-liġi, u kienu ħarġu fil-gazzetti, mistoħbijin fl-anonimu, kif seħħ fl-1919, 1939/45, 1958, u ripetutament fis-snin ta' wara, anke b'mottivi politiċi!

Imma apparti dan il-qares kollu, li fiħ il-ħelu tiegħu wkoll !

Biż-żmien, kważi kull Għaqda eċċ., kellha l-Fuljett jew il-Gazzetta tagħha. U dan biex jinfurmaw, jgħallmu u jedukaw lill-imseħbin u lil min jaqra.

Fl-aħħar kienet waslet is-siegħa tagħna, meta fl-arja ġenerali kienet trabbiet xi ftit aktar maturita'. Tawna ċans li nkunu fdati . Fejn jidħlu "drittijiet", il-Pulizija dejjem ta' l-aħħar.

Tletin sena ilu tawna nifs biex ngħollu xi ftit leħinna; u ħriġna dan il-Magazine biex ninfurmaw, ngħallmu u nedukaw. Neħħuha minn raskom li xi ħadd kellu l-ħsieb li jibda' jipprotesta minn fuq dan il-Magazine.

B'danakollu ma qagħdnix lura milli nuru ċerti xewqat u konna għamilna kemm flaħna suġġerimenti permezz ta' dan il-Magazine. Konna fini u diplomatiċi kemm kien possibbli. Il-prudenza trid tkun ukoll. Is-superjuri kienu jifhmuna u kienu jgħalqu għajn waħda wkoll! B'danakollu diġa' fit-tieni ħarġa kienu qalulna biex ħadd ma jikteb ittri b'ton politiku jew kritika!

Imma dan il-Magazine ma kienx ikkonċeput f'Marzu 1977. Il-ħsieb kien ilu jberren. Diġa' fis-snin Ħamsin kien hemm din l-idea tal-Magazine għall-Pulizija. Imma kien hemm wisq maniġġi politiċi u kontro-kurrenti.

Biex tgħaxxaqa nqalgħet kwistjoni taħraq bejn il-Kummissarju De Gray u l-Prim Ministru Mintoff. U bħalissa qed inġib quddiem għajnejja lis-Surġent Mike Marshall (dak iż-żmien PS919), Alla jaħfirlu. Kien Alla ta' l-irġiel u kien ħabb lil Korp u lill-membri tiegħu daqs familtu. Il-kontribut kbir li kien ta lil Korp ma jitfissirx f'artiklu ċkejken bħal dan. U xi ngħidu għall-involviment tiegħu biex welled u żamm fuq saqajh dan il-Magazine, u b'tant restrizzjonijiet tas-superjuri?

Ma kienx żmien pjaċevoli. Il-mertu b'risq dan il-Magazine u t-trobbija tiegħu imorru wkoll għal Eddie Attard (ex-PC 355) li llum rabat ismu, ġustament ma Storiku tal-Pulizija ta' Malta. Ħdejh ma joqgħod ħadd f'dan il-qasam. Kellu l-ħila jirfed waħdu suġġett li fl-istorja ġenerali ta' Malta kien nieqes u minsi.

Eddie u Mike ħadmu bil-għaqal u f'diversi oqsma oħra, minbarra t-twelid u ż-żamma ta' dan il-Magazine. Ma kellhomx ħsibijiet ulterjuri. Weldu waħedhom dan il-Magazine biex jinfurmaw, jgħallmu u jedukaw. U, kif jgħidu t-Taljani, non c'e due senza tre. Magħhom kien ingħaqad Alfred Debattista (Ex-Spettur) li kien il-ħsieb u l-format tiegħu, għal snin kbar, tal-paġni sportivi ta' dan il-Magazine u tal-Korp.

Insomma, kellna trio ta' kultura. U qalgħu fuq rashom minn kull naħa! Biżżejjed ngħid, illi sa mill-ewwel ħarġa ta' dan il-Magazine, kienet saret kritika għal ċertu riklam: Qalulhom "iva anke riklam tal-Kurja ġibtu fil-Magazine?" Meta fil-fatt kien inġieb riklam ta' Curio House" tal-Belt. U Curio ħawwduha ma' Kurja !!! Daqskemm hija ċajta ħelwa, tant ieħor hija verita'. Hemm ħafna iżjed xi tgħid fuq it-tnissil, it-twelid u t-trobbija ta' dan il-Magazine. Imma ma nistgħax intawwal. Xi darba nħid ftit ieħor.

Ta' l-aħħar: Importanti li ngħid qabel ma nispiċċa li jiena, kittieb ta' dan l-artiklu ċkejken, qatt ma kont involut fit-twelid u fl-organizazzjoni ta' dan il-Magazine, għalkemm kont viċin ħafna tat-trio Marshall, Attard, Debattista. Kont ngħinhom għax kienu ġenwini. Il-mertu hu kollu tagħhom. Jiena ktibt biss f'dan il-Magazine madwar 40 artiklu u/jew kont ġibt xi artikli mingħand personalitajiet magħrufa ta' livell edukattiv.

J'Alla r-ritmu u l-interess ma jonqosx f'dan il-Magazine. La f'min jikteb u lanqas f'min jaqra. J'Alla titjieb aktar il-kwalita' ta' l-artikli u l-informazzjoni biex inkomplu ngħallmu u nedukaw.

AWGURI.



Alfred Debattista

# Leħen l-Għaqda Pulizija Pensjonanti fil-Magazine

Għalkemm il-Magazin 'Il-Pulizija' ilu jiġi ppubblikat sa mis-sena 1977, l-Għaqda tal-Pensjonanti giet imwaqqfa fl-1980.

Kif inhu mistenni minn kull Għaqda, inħass il-bżonn li lil membri nżommuhom infurmati bl-attivitajiet li jkunu ser jiġu organizzati permezz ta' Ċirkularijiet u ukoll b'tagħrif ieħor ġenerali permezz tal-Magazine 'Il-Pulizija".

L-Għaqda dejjem ħabirket biex jibqgħu jidhru wkoll ritratti tal-pensjonanti li jkunu mietu, kif għadu jsir sal-lum.

Jidher illi fl-1982 kien hemm xi problemi u l-Magazine għamel xi żmien li ma kienx joħroġ regulari u, saħansitra waqaf għal xi żmien. Waħda mill-problemi jidher li kienet in-nuqqas ta' reklami – problema li kellu jiffaċċja kull editur. Inħass għalhekk il-bżonn li l-Għaqda toħroġ il-Fuljett tagħha li kien jissemma Leħen l-Għaqda Pulizija Pensjonanti li wkoll kont nieħu ħsiebu jiena bħala l-P.R.O ta' l-Għaqda.

Dan l-istess Fuljett reġa' tfaċċa fl-1986 u wara li erġajt bdejt nieħu ħsiebu jiena, warajja ħa l-inkarigu tiegħu Ray Henwood Mckeon li dak iż-żmien kien huwa l-PRO ta' l-Għaqda.

Dan il-bżonn ma baqgħax jinħass minn meta fil-Magazin Il-Pulizija l-Għaqda bdiet tingħata spazju regulari ta' żewġ paġni, minbarra l-paġna li fiha jidhru r-ritratti ta' dawk li jkunu ħallewna.

Għamilna żmien meta l-impustar tal-Magazin lil pensjonanti konna nieħdu ħsiebu aħna, membri tal-Kunsill sakemm, f'dawn l-aħħar xhur, il-pust-gaġġ beda jieħu ħsiebu l-kuntrattur.

M'hemmx dubju li l-Magazin Il-Pulizija huwa ħolqa mportanti li żżomm kemm lil membri li jservu fil-Korp kif ukoll lil dawk irtirati, infurmati sew b'kull attivita' li l-Korp jorganizza kif ukoll b'tagħlim u tagħrif importanti.

Ħaqqhom għalhekk ġieħ u rikonoxximent dawk kollha li matul dawn is-snin kollha ħadmu u stinkaw b'dedikazzjoni u ħafna drabi anke b'saġrifiċċju biex dan il-Magazin tagħna baqa' joħroġ u jitjieb kemm fil-materjal kif ukoll fil-preżentazzjoni tiegħu.

# Il-Paġna Sportiva fil-Magazine

Sa mill-ewwel ħarġa tiegħu, il-Magazin Il-Pulizija kellu wkoll paġna sportiva (it-titlu tal-paġna jidher hawn fuq) li jiena kont nieħu ħsieb.

Dak iż-żmien jiena kont diġa' involut sew, bħal ħafna oħrajn, fl-isports tal-Korp. Minbarra t-tim magħżul tal-football bdejna norganizzaw sport ieħor bħal Basketball, Judo u Body Building.

Fis-snin sebgħin ukoll, bl-approvazzjoni tal-Kummissarju De Gray, irnexxili ninstiga t-twaqqif tal-Kumitat Sportiv tal-Korp u bdejna nieħdu sehem f'kompetizzjonijiet tal-Futbol fil-Leagues tad-Dipartimenti tal-Gvern u Korpi Parastatali.
Fid-Distrett tal-Belt (No.1 Police District) fejn l-aktar servejt fil-Korp, konna waqqafna l-Sport and Social Committee tagħna, idea li wara ġiet ikkupjata minn Distretti oħra. Kien irnexxilna wkoll li noħolqu leagues tal-football bejn id-Distrett u Dipartiment tal-Korp li kienu suċċess kbir. Ħafna mill-partiti kienu jintlagħbu fl-Istadium l-antik tal-Gżira u Manoel Island.




Kellna wkoll l-okkażżjoni sabiħa li għall-ewwel darba fl-istorja it-tim magħżul tal-futbol imur il-Libja u jilgħab (u jirbaħ) lit-tim magħżul tal-Pulizija Libjana. Dan il-bidu fetaħ it-triq biex, fi żminijiet oħra, aktar teams tal-Pulizija jagħmlu żjarat simli barra l-pajjiż, fosthom 'Tournaments tas-Servizzi u Militar.




Ta' dan kollu kont nipprovdi rappurtaġġ regulari fil-paġna sportiva li snin wara servini bħala bażi għal pubblikazzjoni ta' l-ewwel ktieb tiegħi – L-Istorja Sportiva tal-Pulizija Maltija.

Wara li rtirajt mis-servizz f'Jannar tal-1981 din il-paġna beda jieħu ħsiebha s-Surġent (li wara laħaq Supratendent) Ronnie Cilia.

Minbarra din il-paġna sportiva u l-paġna tan-Nisa li semma' Eddie Attard fil-kitba tiegħu, kien hemm żmien ukoll li bdiet tidher il-Paġna għat-Tfal (disinn tat-titlu jidher hawn taħt) li kienet tipprovdi tagħrif interessanti u edukattiv – kultant anke b'xi kompetizzjoni tat-tpinġija, li kienet segwita ħafna mit-tfal tal-membri tal-Korp.


Il Cortile
FARMHOUSE
IL CORTILE - Beautifully set, peaceful and most of all romantic.
Catered by Dolceria Croce Bonaci
Call for viewing and bookings:
7931 4412 • 9949 8903 • 2147 0311
Il Cortile Farmhouse • An unforgettable dream.


the purest
Available in 12Ltr.
PURIFIED DRINKING WATER
H2Only
water as nature intended
Island Beverages Co. Ltd.
Call Us On : 21 420 420
www.h2only.com
Return this token with your account or telephone number & receive
1 X H2Only Cap &
1X H2Only Shopping Bag
FOR FREE
Offer Valid For New Or Existing Clients Only



# ⌘ Falzon's

Bathrooms & Ceramics

***As Stylish As Your Imagination***

*Ceramic Wall & Floor Tiles*
*Gres Porcellanato - Kitchen Sinks & Tiles*
*Bathroom Suites - Shower Cubicles*
*Bathroom Fixtures & Accessories - Mixers*
*Mirrors & Water Heaters - BBQ's*

Showroom: Triq Psaila, Sta. Venera HMR 16
Tel: 2148 2860, 2148 5536. Fax: 2148 3075
Offices/Stores: Triq il-Kummerc, Qormi QRM 09
Tel: 2149 5485 Fax: 2148 3075
E-mail: info.falzon@onvol.net
Webpage: www.falzons.com

DAIHATSU
Made in Japan

# SIRION

Daihatsu, the first Japanese motor company, is celebrating the 100th anniversary from its establishment in 1907.

100th Anniversary

When you buy me you get a free navigation system coupled up with all the cool standard features I have for you. Come and visit me today. I have special offers for you!




## Putting style into reliability!

All this for just Lm5,195

**Standard features include:** ABS with EBD, air conditioning, CD Tuner, metallic paint, electric mirrors, remote central locking, power steering, 4 SRS airbags, electric windows, 3 years warranty and 8 years on body.

**MUSCATS MOTORS**
For more information or a test-drive visit our showroom in Rue D'Argens, Gzira
or phone: 2326 4586/7/8 Fax: 2326 4526 Email: info@mml.mizzi.com.mt www.daihatsu.com.mt

Official fuel consumption (EU combined mode) for Daihatsu Sirion 1.3L : 5.8 L/100km (manual transmission), 6.4 L/100km (automatic transmission). CO2 Emissions (EU combined mode): 137 g/km (manual transmission) 151 g/km (automatic transmission).

# X'Taħriġ isir ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija ta` Malta

Kemm l-istudju kif ukoll l-esperjenza għalmitna li nvestiment fit-tagħlim u taħriġ hu ta` benefiċċju kbir għal kull organizzazzjoni jew azjenda sabiex jintlaħqu bl-aktar mod professjonali l-miri u l-objettivi ta' l-organizzazzjoni kif ukoll għall-istess nies li jservu f'dik l-organizzazzjoni sabiex ikunu aktar professjonali f'ħidmithom.

Hu mportanti ħafna li kull organizzazzjoni, kif ukoll dawk li jipparteċipaw fit-taħriġ jaraw it-taħriġ bħala nvestiment aktar milli xi nefqa li wieħed jista' jgħaddi mingħajrha jew ħela ta' ħin.



Il-parti kbira tat-tagħlim u t-taħriġ li jingħata lill-membri tal-Korp tal-Pulizija ta` Malta jingħata fl-Akkademja tal-Pulizija.

L-Akkademja tal-Pulizija twaqqfet fit-12 ta` Lulju, 1988 ġewwa l-Fortizza Storika ta` Sant Iermu. Din kienet ġrajja memorabbli fl-istorja tal-Pulizija ta` Malta.

Għall-ewwel darba fl-istorja, l-Korp tal-Pulizija għandu l-iskola tiegħu. B`riżultat ta` hekk żdiedu n-numru ta` programmi ta` taħriġ, l-kwalita' kif ukoll id-diversita' f'dak li huma suġġetti u tagħlim ieħor.

L-Akkademja tal-Pulizija titmexxa' minn Bord magħmul minn Chairman, u mhux aktar minn disa` membri.

Hemm Kmandant li huwa responsabbli mit-tmexxija ta` kuljum ta` l-Akkademja, fejn l-għanijiet u l-objettivi ta` l-Akkademja huma –

a) it-taħriġ ta` rekluti, uffiċjali kadetti u uffiċjali tal-Pulizija fis-servizz biex iwettqu r-rwol tagħhom fil-Korp, b`kapaċita', konoxxenza u kompetenza, integrita` u imparzjalita', b`mod effettiv u effiċċjenti;

b) it-trawwim u t-tisħiħ tal-professjonaliżmu fl-abbiltajiet tal-Pulizija f'kull twettiq operattiv bażiku, u t-taħriġ ta` l-uffiċjali fl-abbiltajiet maniġerjali moderni;

ċ) l-introduzzjoni ta` uffiċjali fl-istudji ullterjuri li jkunu jridu jagħmlu u li jkunu rilevanti għar-rwol tagħhom fil-Korp, bħalma huma l-psikoloġija, xjenzi komportamentali, l-investigazzjoni xjentifika, il-każistika lokali u barranija, id-dritt komparattiv, u l-ilsna;

d) il-koperazzjoni ma` organizzazzjonijiet ta` ġustizzja kriminali u istituzzjonijiet tat-taħriġ fit-taħriġ ta` persuna li jaħdem fil-ġustizzja kriminali.

Ta` min isemmi li mit-twaqqif ta` l-Akkademja, madwar 100 *Officer Cadets* iggradwaw bħala Spetturi u madwar 1585 rekluta ggradwaw bħala Kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija.

Fl-Akkademja, b`mod regulari, jinżammu *In-service Courses,* jew











aħjar, taħriġ għal dawk li diġa' huma membri tal-Korp. Matul dawn il-korsijiet li huma ta` tlett ġimgħat il-membri tal-Korp jirċievu taħriġ li jkun ibbażat fuq il-kurrikulu bażiku, iżda jinkludi dawk it-tibdiliet (ammendi) li jkunu saru fid-diversi suġġetti matul iż-żmien, kif ukoll suġġetti oħra ta` nteress li minn żmien għal żmien jiġu ntrodotti għall-membri tal-Korp.

Ta' min isemmi wkoll li minbarra dawn illi mill-ewwel ta' Jannar, 2007, il-membri tat-Taqsima Mobbli u dawk tal-Control Room bħala proġett pilota bdew darbtejn fix-xahar (żewġ nofs ta nhari) jattendu l-Akkademja tal-Pulizija u jattendu għal numri ta' lezzjonijiet dwar ix-xogħol tal-Pulizija, bħall numru ta' lezzjonijiet dwar ix-xogħol tal-Pulizija, bħal liġijiet, *Physical Training, unarmed combat* u suġġetti oħra relatati.

Fl-ewwel ta' Marzu li għadda dan it-taħriġ ta' kull xahar ġiet estiż ukoll għall-membri kollha li jaħdmu fuq il-beat.

Peress li l-liġi tippermetti li f ċirkustanzi estremi il-Pulizija tista' tuża' l-armi tan-nar, kemm ir-rekluti kif ukoll dawk li diġa' huma Pulizija, regolarment jirċievu taħriġ fl-Akkademja dwar kif wieħed għandu jimmaniġġja b'mod kif ma jweġġgħax hu jew ħaddieħor arma tan-nar u kif jispara.

Għal kuntrarju għal dak li jaħsbu xi nies, speċjalment dawk li ma humiex Pulizija, t-tagħlim fl-Akkademja ma jsirx biss għar-rankijiet t'isfel iżda għall-kulħadd. Matul is-sena b'mod regolari jiġu wkoll organizzat taħriġ u seminars għal-fizzjali.



Matul is-sena li għaddiet inżammu madwar 27 kors jew seminar għal-fizzjali u din is-sena sa' l-24 ta' Marzu diġa' inżammu madwar 5 korsijiet jew seminars.

Minbarra dan it-taħriġ li hu regolari, minn żmien għal żmien isir ukoll taħriġ dwar materji li l-Kummissarju jidirlu li jkun ta` interess u ta` bżonn għall-Pulizija jew għal xi Sezzjoni partikolari tal-Korp.

Bħala eżempju, għal-aħħar ta' Diċembru, 2006, sar taħriġ bejn l-*Emergency Response Team* ta' l-Isptar San Luqa, il-membri tal-*Mobile Unit*, u dawk tal-*Command and Control Room* tal-Pulizija.

It-tema' ta' dan it-taħriġ li kien mifrux fuq erba' t'jiem kienet sabiex kull unit tifhem aħjar ir-rwol tagħha fuq ix-xena ta' l-inċident. B'taħriġ bħal dan ikun hemm aktar effiċċjenza u professjonaliżmu li jkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadin.

Jiġu wkoll organizzati korsijiet, seminars jew taħriġ ieħor bejn il-Pulizija Maltija flimkien ma` Pulizija ta` pajjiżi oħra.

Hemm numru ta` proġetti oħra li bħal issa għadhom fl-istat ta` studju dwar l-Akkademja. Dawn huma mmirati sabiex ittejjeb aktar il-kwalita' u l-professjonalita' tal-Pulizija.

B'sodisfazzjoni kbir, kemm għall-Korp u l-Akkademja, għall-Kummissarju kif ukoll għalija, ngħid li l-attivita' fl-Akkademja speċjalment minn din is-sena kibret ħafna. Wieħed jista' jgħid li bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa matul is-sena kollha jkun hemm medja ta' mitt (100) Pulizija kuljum li jirċievi taħriġ fuq dixxiplini differenti.

Dan minbarra l-*In-Service Training*, li jsir perjodikament, korsijiet li jwassal għall-promozzjoni għar-rank ta' Surġent, kif ukoll seminars jew korsijiet oħra li jkunu ndirizzati għall-fizzjali. Dawn ta' l-aħħar ġeneralment jinżammu s-Sibtijiet.



Wara li dan l-aħħar ħarġet ukoll sejħa għall-ingaġġ fil-Korp fir-Rank ta' Spettur dalwaqt ikollna wkoll kors ta' taħriġ għal dawn l-Uffiċċjali prospettivi.

Forsi wkoll matul din is-sena ma jonqosx ukoll xi sejħa għall-ingaġġ fil-Korp fir-rank ta' Kuntistabbli. Dan ifisser ukoll kors għar-rekluti ieħor.

Kif wieħed jista' jinnota l-Akkademja tal-Pulizija hija waħda ħajja u mimlija attivita'.

Skond l-esperjenza tiegħi fil-Korp, mifruxa fuq 41 sena, it-trepid li jistrieħ fuqu is-suċċess tal-Korp huma: kundizzjonijiet tajba, tagħmir u tagħlim, u nkompli ngħid li dawn it-tlett fatturi qed jittieħdu b'dedikazzjoni u b'serjeta' kbira mill-amministrazzjoni tal-Korp kif ukoll minn dik ta' l-Akkademja tal-Pulizija.

Bl-għajnuna ta' Alla ser nkomplu fuq din it-triq li skond statistika tidher li qed tagħti riżultati tajbin.

Domine Dirige Nos.

Saħħa

*Artiklu miktub mill-Kmandant ta' l-Akkademja tal-Pulizija Ronald Kelly*

# De Robertis

**Roof Top Restaurant**



*Serving A La Carte and menu Du Jour, the De Robertis Roof Top Restaurant is situated on the highest point in Valletta, overlooking the Grand Harbour, the Three Cities and the magnificent fortifications, lit up at night.*

AMPLE PARKING SPACE

Castille Hotel, Castille Square, Valletta (near upper Barrakka Gardens). Tel: 21 243677/8 Fax: 21 243679 E-mail: info@hotelcastillemalta.com

# Portelli & Brincat Ltd




**Retail Outlets:**

| | |
|---|---|
| St. Venera | Tel: 21 240001 |
| Fgura | Tel: 21 691029 |
| Mosta | Tel: 21 433975 |
| San Gwann | Tel: 21 373103 |

Web Site www.portelliandbrincat.com.mt
E-mail sales@portelliandbrincat.com.mt
Head Office Tel: 21 488119 Fax No: 21 494912

PAUL & SHARK yachting

New Summer Collection

EXCLUSIVELY AVAILABLE FROM

Ascot Casuals




ritemix
Ritemix (Gatt Bros) Ltd. is equipped with a Ready Mixed Concrete Batching Plant. Ritemix (Gatt Bros.) Ltd. carries out Road Works, Civil Engineering Works, General Building Contractors, Marine Works and Turnkey Projects.
Rite Mix (Gatt Bros.) Ltd. • Gatt House, Triq in-Naggar, Mosta
Tel: 21 410411, 21 410176, 21 410443 • Fax: 21 433028 • Email: ritemix@onvol.net


Q Quantum
Precision Engineering & Sports Shooting Supplies
telephone : 21693196
telefax : 21693204
mobile : 99470176
email : quantum@keyworld.net
Officially appointed Agents / Representatives
CZ
Česká Zbrojovka
www.czub.cz
Special discounts apply on some models in the CZ pistols range. This applies only to Police and AFM servicemen. For more details contact our office. Presentation of service ID is necessary.
Sports Shooting Equipment
New TAURUS
PT 24/7-OSS pistols arriving soon
GUNSAFES
SAFETY & SECURITY
www.sabredefence.com
SABRE DEFENCE INDUSTRIES
TAURUS
www.taurususa.com
Infac
www.quantumshot.com
No. 158, Palm Street, Paola PLA03

# Ftehim Konġunt bejn il-Pulizija u l-Appoġġ rigward każijiet ta' abbuż ta' tfal

Nhar is-26 ta' Frar, 2007 ġie ffirmat ftehim konġunt (protokol) bejn il-Korp tal-Pulizija u l-Aġenzija Appoġġ rigward każijiet ta' abbuż ta' tfal. Dan il-protokol jelenka meta u liema rapporti li l-Appoġġ tirċievi, għandhom jmorru għand il-Pulizija u x'informazzjoni għandha tingħata. Min-naħa l-oħra jekk rapport l-ewwel jidħol għand il-Pulizija, il-Pulizija tkun taf kif tirreferieh lill-Appoġġ. Dan il-ftehim ser iservi biex isaħħaħ il-ħidma ta' bejn iż-żewġ partijiet u jagħmel formali din il-ħidma.

L-iffirmar tal-ftehim sar mill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo u l-Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali inkluż l-Aġenzija Appoġġ is-Sur Joe Gerada. Preżenti għall-iffirmar kien hemm ukoll id-Deputat Kummissarju Joe Cachia, l-Assistent Kummissarju Michael Cassar u l-Ispettur Louise Calleja mill-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzji u l-Ispettur Paul Caruana mis-Cyber Crime Unit kif ukoll uffiċjali mill-Aġenzija Appoġġ.

Waqt dan l-iffirmar il-Kummissarju qal li bħala Korp każijiet ta' abbuż ta' tfal intuhom l-attenzjoni kollha u li nagħtu l-massimu fl-investigazzonijiet. Il-




Konferenza stampa mogħtija mill-Pulizija u l-Appoġġ



L-Iffirmar tal-ftehim konġunt

Kummissarju sostna li t-tfal għandhom jiġu protetti f'kull istituzzjoni li jkunu fiha. Is-Sur John Rizzo esprima s-sodisfazzjon tiegħu lejn il-fatt li l-Pulizija u l-Appoġġ ingħaqdu għall-protezzjoni tat-tfal. Il-Kummissarju semma ukoll li l-Pulizija tinvestiga każijiet mhux fuq livell domestiku biss iżda anke fuq livell internazzjonali.

Is-Sur Joe Gerada min-naħa tiegħu qal li l-Pulizija u l-Appoġġ ilhom ħafna snin jaħdmu flimkien u li fil-fatt dan il-protokol ġie mħejji fuq esperjenza prattika ta' ħafna snin. Is-Sur Gerada saħaq li dejjem għandu jkun hawn 'zero tolerance' lejn l-abbuż fuq it-tfal għaliex dan qatt ma huwa ġġustifikat. Huwa spjega ukoll li r-rapporti li jaslu għand l-Appoġġ mhux bil-fors jgħaddu għand il-Pulizija jew jaslu sal-Qorti. 'Din it-tip ta' kollaborazzjoni bejn id-dipartimenti hija l-aħjar mod kif nistgħu nibnu niżġa ta' appoġġ'. Fil-fatt is-Sur Gerada ħeġġeġ biex ikun hemm kollaborazzjoni bejn ħafna aktar dipartimenti u istituzzjonijiet.

L-Aġenzija Appoġġ kull sena tirċievi madwar 1,000 rapport ta' abbuż fuq it-tfal li 20 fil-mija tagħhom huma dwar abbuż sesswali.



Insp S. Mallia
SVS

# Preżentazzjoni tar-ritratt rebbieħ f'kompetizzjoni Internazzjonali tal-Fotografija tas-sena 2006 lit-tifel Aidan Dwight Mallia minn Stephen Busuttil

Kienet sorpriża għalija u għal-mara tiegħi meta ġejna magħrfa li ritratt meħud b'mod mill-aktar professjonali, li propju kien jinkwadra lill-iben iż-żgħir tagħna Aidan Dwight Mallia ta' 4 snin liebes l-uniformi tal-Precision Drill Team tal-Korp tal-Pulizija. Kien ir-ritratt li ħareġ rebbieħ f'kompetizzjoni internazzjonali ta' prestiġju kbir, dik ta' *'International Photographer of the Year 2006'*.



Is-sorpriża kienet akbar għax la jien u lanqas marti ma konna nafu li l-fotografu bravu Stephen Busuttil kien fil-fatt ġibed għall-għarrieda dan ir-ritratt xhur qabel waqt li t-tifel tagħna kien propju f'Misraħ il-Palazz fil-Belt Valletta qed isegwi l-parata li fiha kont qed nieħu sehem jien stess bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Korp, liema ritratt flimkien ma' oħrajn ta' diversi taqsimiet tal-Korp kienu wara ntbagħtu barra minn Malta għal din il-kompetizzjoni.

Apprezzajna ferm il-ġest li għamel il-fotografu Stephen Busuttil meta stedinna bħala l-ġenituri flimkien mat-tifel, biex jippreżenta propju lit-tifel tagħna dan ir-ritratt rebbieħ li tant ġablu suċċess, u ta' dan minn hawn nirringrazzjawh.

Ringrazzjament speċjali jmur ukoll lill-Kummissarju tall-Pulizija s-Sur John Rizzo li aċċetta li l-preżentazzjoni ssir fl-uffiċċju tiegħu fil-Kwartieri Ġenerali biex b'hekk l-okkazzjoni ngħatat importanza u preġju akbar.

Waqt din l-okkazzjoni, li saret nhar is-6 ta' Marzu 2007, bħas-soltu l-Kummissarju wera' l-interess tiegħu fil-fatturi u kriterji li spjega dwarhom il-fotografu Stephen Busuttil li wasslu biex dan ir-ritratt flimkien ma' oħrajn dwar il-Korp tal-Pulizija għamel dan is-suċċess internazzjonali u tant prestiġjuz fil-qasam tal-fotografija. Napprezzaw ħafna ukoll li kien il-Kummissarju stess li wera' x-xewqa li dan ir-ritratt jinġieb fil-faċċatta ta' l-aħħar ħarġa tal-ktejjeb *'Il-Pulizija'*.

Ma jistgħax jonqos li bħala ġenituri nħossuna ferm kburin li wieħed minn uliedna ngħata din il-pubbliċita', anke fil-gazzetti u media lokali kif ukoll f'rivisti tal-fotografija barranin, u aħna konvinti li dan ser jibqa' rikordju li Aidan Dwight ser jibqa' jgħożżu tul ħajtu kollha, aktar u aktar meta aħna nafu li għalkemm ta' eta' ferm żgħira hu għandu l-Korp tal-Pulizija u l-uniformi tant għal qalbu.

Nistgħu ngħidu li kull meta Aidan Dwight ikun qed isegwi xi parata tal-Korp li nkun qed nieħu sehem fiha jien u hu wkoll ikun liebes dik l-uniformi bħal tad-*Drill Team* tal-Pulizija li biha jidher fir-ritratt, tgħidx kemm iħossu kburi u dan werieh meta ġie ppreżentat bir-ritratt rebbieħ fl-uffiċċju tal-Kummissarju.

Naħseb li kulħadd jaqbel li dan ir-ritratt rebbieħ u oħrajn li nġibdu b'konnessjoni maċ-ċelebrazzjonijiet li jfakkru Jum il-Korp tal-Pulizija komplew jagħtu dehera mill-aqwa u professjonali lill-Korp tal-Pulizija u żgur li laħqu l-għan ta' relazzjonijiet pubbliċi sal-massimu tagħhom.

Jidher ċar li l-Korp tal-Pulizija qiegħed dejjem jgħaraf aktar il-benefiċċji li jista' jakkwista permezz tad-diversi relazzjonijiet pubbliċi biex il-Korp li nagħmlu parti minnu aħna lkoll jingħata l-aħjar dehera possibli li tkun waħda ta' stima u fiduċja. Hawn ta' min isemmi lit-Taqsima tas-CMRU tal-Korp tal-Pulizija tax-xogħol utli li qed iwettqu fejn jidħol PR.

Żgur li l-maġġorranza tal-membri tal-Korp li għandhom it-tfal jaqblu li ħafna minn uliedhom iqisu lill-ġenituri bħala l-idoli tagħhom u konvint li dan ħafna drabi jseħħ għax il-ġenitur jkun propja membru tal-Pulizija. Dan għandu jimla' lil kull wieħed u waħda minna b'kuraġġ u għandna nġibuh quddiem għajnejna f'dawk il-mumenti diffiċli li nkunu għaddejjin minnhom waqt il-ħidma tagħna fil-ġlieda kontra l-kriminalita' u l-għajnuna tagħna



liċ-ċittadin, biex jistimulana dejjem aktar u ngħarfu naġixxu bl-aħjar ħila possibli għal ġid taċ-ċittadini u tal-pajjiż kollu.

Domine Dirige Nos.

Stephen Mallia
Spettur

CAMRAY
MARBLE WORKS LTD.

Marble
& Granite
Products

KW4,
Industrial Estate,
Paola PLA 08
Tel: 21 829794
Fax: 21 677771
e-mail:
camray@maltanet.net



fgp

The Garage Door People

INSULATED OVERHEAD
SECTIONAL DOORS
*Remote Control Available*

FGP Ltd. 49, Valletta Road Luqa, LQA 06
Tel: 21667107/8 21673627 Fax: 21675384
Email: sales@fgp.com.mt
Web: www.fgp.com.mt








GMF

MANUFACTURES OF PRE-STRESSED CONCRETE
SLABS FOR ALL TYPES OF CONSTRUCTION

235mm for spans up to 10 metres
250mm for spans up to 11 metres
330mm for spans up to 14metres
350mm for spans up to 14metres
370mm for spans up to 14 metres
400mm for spans up to 18metres
425mm for spans up to 18metres
450mm for spans up to 18metres
470mm for spans up to 18metres
500mm for spans up to 18metres
525mm for spans up to 18metres



E-mail: gmf@maltanet.net

GMF PRECAST LTD.
St. Mary Street, Maghtab, Malta. Tel: 2143 4682. Fax: 2143 7419
Mob: 9943 7538



GALEA Tiles
HAMRUN
81, High Street Hamrun HMR 02
Tel: 21225361
Fax: 21223095
Mob: 79428657
Website: www.galeatiles.com
Email: sales@galeatiles.com
Leaders in the manufacture of patterned tiles in plain cement & mosaic, terrazzo and marmettone tiles also available.
We restore original floors too......through our wide selection , on is really spoilt with choices! Time Flies... However we still preserve the traditional authenticity of our culture!



Mangion Bros.
(ID-DIELJA)
Manufacturers of fine quality bricks and interlocking paving system to a variety of designs and colours. This is operated by a computerised controlled plant capable of producing 8000 hollow concrete bricks a day.
Suppliers of concrete mix, capable of producing 80cu. metres per hour.
Suppliers of steel rods and straps. The company undertakes all construction, civil engineering and excavation works.
Zurrieq
Tel: 21649590



WB White Brothers Limited
Haulage Services
Machinery & Plant Removals
Customs Agency
Warehousing
Personal Effects
Packing & Packaging
www.whitebrosmalta.com
White Brothers Building, St. Bernard Street, Marsa HMR 12 - Malta • Tel: (+356) 21 245512 • Fax: (+356) 21 247374 • E-mail: info@whitebrosmalta.com


look out
for Citadel Cinema
summer special offers
offers starting
from 18th June, 2007
terms & conditions will apply
for more information please contact us on
2155 9955 or e-mail on info@citadelcinema.com
Citadel Cinema, Castle Hill, Victoria, Gozo


THE AVENUE
THE AVENUE PACEVILLE
The Avenue Restaurant
Gort Street, Paceville
Tel: 21 351753, 21 378731
www.theavenuemalta.com
PIZZA • PASTA • GRILL


Kalos. Have Fun.
KALOS
Kalos
MIRA MOTOR SALES LTD
MEMBER OF THE ZAMMIT GROUP OF COMPANIES. Mriehel By-Pass, Mriehel.
Tel: 2278 1278 Fax: 2148 0150 E mail: chevy@zamgroup.com www. chevrolet.com.mt
CHEVROLET

# Żjara tad-Direttur tal-Europol lill-Korp tal-Pulizija ta' Malta

Fit-8 ta' Marzu, id-direttur tal-Europol, Max Peter Ratzel għamel mawra ta' 24 siegħa f'Malta fejn kellu diversi laqgħat mal-membri tal-Korp tal-Pulizija, ma' l-Avukat Ġenerali kif ukoll mal-Viċi Prim Ministru Dr. T. Borg.

### Min huwa Max Peter Ratzel?

Huwa twieled f'Diċembru ta' l-1949 ġewwa Dillingen, fil-Ġermanja u huwa miżżewweġ u għandu tlett itfal. Huwa beda l-karriera tiegħu fl-1976 mal-Bundeskriminalamt – BKA, fejn okkupa diversi karigi fl-oqsma kollha li jirrigwardaw is-Serious Crime. L-akbar spunt fil-karriera tiegħu kienet li fis-sena 2000 sas-sena 2005 laħaq Kap tal-Organised and General Crime Department fil-BKA. Taħt it-tmexxija tiegħu kellu madwar 950 uffiċjal fejn kien issir kordinament għal ġlied kontra t-traffikar tad-droga, pornografija tat-tfal, u cybercrime kif ukoll dwar il-falsifikazzjoni ta' flus u traffikar tan-nies.

Pass ieħor li għamel kien li fis-16 t'April 2005, Max Peter Ratzel ġie inkarigat bit-tmexxija tal-Europol (European Police Office) bħala Direttur tagħha li Malta hija membru mis-sena 2004.

### European Police Office – Europol

Europol hija r-risposta' Ewropeja għall-ġlieda kontra l-kriminalita' organizzata. Bħala parti mill-funzjoni tagħha hija li tiġbor u t'analizza informazzjoni li ġejjin mill-pajjizi Ewropej kif ukoll mill-Interpol u minn dawk il-pajjiżi li hemm xi forma ta' ftehim. Id-dinja moderna għarfet li m'hemmx aktar fruntieri fejn tidħol il-kriminalita'. Għalhekk inħasset il-ħtieġa li jkun hemm organizazzjoni bħal Europol li tipproteġi l-istrutturi u valuri demokratiċi li taffetwa s-sigurta' u l-liberta' taċ-ċittadin.



Direttur tal-Europol mal-Kummissarju tal-Pulizija

### Iż-żjara f'Malta

Fit-8 u fid-9 ta' Marzu 2007, id-direttur tal-Europol għamel żjara uffiċjali f'Malta bil-għan ta' aktar kooperazzjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra l-kriminalita' organizzata.

Iż-żjara tiegħu bdiet b'mawra kulturali fil-Belt Valletta, kompliet fil-Kottonera fejn seta' jammira s-sbuħija li toffri art twelidna, pero' l-aktar seta' jammira s-sagrifiċċju li l-Maltin għamlu biex inbnew is-swar u l-prezz li ħalsu missirijietna matul it-Tieni Gwerra dinjija.

Kellu żjara oħra ġewwa l-Imdina fejn seta' jammira l-arkitettura barokka s-sbuħija li toffri din il-Belt. Minn hemm ittieħed fuq stedina tal-Kummissarju tal-Pulizija, s-Sur John Rizzo għal ikla ġewwa x-Xara Palace fejn saret laqgħa informali bejn is-Sur John Rizzo u d-Direttur tal-Europol, Max Peter Ratzel.

Fid-9 ta' Marzu saru laqgħat uffiċjali ġewwa l-Belt Valletta mar-rappreżentant Malti tal-Eurojust, Dr. D. Frendo Dimech kif ukoll ma' l-Avukat Ġenerali Dr. Silvio Camilleri. F'din il-laqgħa ġew diskussi diversi aspetti fuq il-qasam ta' kooperazzjoni bejn is-sistemi ġuridiċi li jeżistu fil-kamp internazzjonali kif ukoll fil-ġlieda kontra l-kriminalita' organizzata. F'din il-laqgħa tqajjem punt importanti fejn għandu jkun hemm kooperazzjoni sħiħa bejn l-Europol u l-Eurojust speċjalment fil-qasam ta' l-informazzjoni u statistika dwar il-kriminalita'.

Wara saret laqgħa oħra mal-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern Dr. Tonio Borg fejn kompla jiġi diskuss l-impenn tal-Gvern Malti għall-ġlieda kontra l-kriminalita'. Ta' dan l-impenn juri biċ-ċar l-iffirmar u r-ratifika ta' diveri strumenti legali internazzjonali fejn tidħol il-kooperazzjoni bejn pajjiżi u oħra fil-ġlieda internazzjonali tal-kriminalita'speċjalment fil-kamp terroristiku, kriminalita' organizzata u diversi reati oħra.

Minn wara din il-laqgħa, id-Direttur tal-Europol mar ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fejn ġie milqugħ mill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo fejn kien hemm tistennieh gwardja ta' l-unur. Hemmhekk ġie mistieden ipoġġi fjuri fuq il-mafkar tal-Pulizija li mietu waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

Waqt iż-żjara tiegħu ġewwa l-Kwartieri Ġenerali, il-Kummissarju tal-Pulizija flimkien mad-Direttur tal-Europol żaru diversi postijiet speċjalment fil-bini l-ġdid li minnu se jibda jopera l-International Relations Unit li jħaddan fih is-SIRENE Office, l-Europol National Unit u l-Interpol. Saret ukoll żjara fil-post preżenti li għandu l-Europol


Apex Lifts®
MEMBER MLA Malta Lift Association
The optimum Solution
V65
in Lift technology & design
14, St. Michael Str., Rabat RBT 2440 Malta
Tel: 21 455051 Fax: 21 450395
E-mail: info@apexlifts.com.mt
Website: www.apexlifts.com.mt


If it's metal
Give it HAMMERITE
HAMMERITE
METAL PAINT
HAMMERITE
THE METAL PAINT SPECIALISTS
AVAILABLE FROM LEADING HARDWARE AND PAINT STORES
TRADE ENQUIRIES
VEE GEE BEE
WHOLESALE LIMITED
2, South Court, Vjal Ir-Rihan, San Gwann Tel: 2138 1380, 2138 9690
Fax: 2138 2204 E-mail: info@vgb.com.mt Website: www.vgb.com.mt


FOR US, EVERY PROJECT IS IMPORTANT... NO MATTER WHAT SIZE.
WIDE RANGE OF MODULAR & ACOUSTIC SOFFITS • GYPSUM CEILINGS, BULKHEADS & PARTITIONS • SPECIALIZED SOUND & FIRE PROOFING • RAISED FLOORINGS • DEMOUNTABLE WALLS
TOILET CUBICLES • PARQUET FLOORING • LIGHT FITTINGS • COVES AND CORNICES • TURNKEY PROJECTS • IMPORT, SUPPLY & INSTALLATION OF SOFFITS & GYPSUM BOARDS
Xuereb Installations Ltd.
TAL-HLAS ROAD, QORMI QRM 10 (behind KIA Showroom) • Tel: 21495799, 21495972, 21495792, 21495836
Fax: 21495834 • Mob: 9949 2278 • E-mail: xil@xuerebinstall.com • www.xuerebinstall.com
BTS
Cryotherm
INTEC
PAVIMENTI SOPRAELEVATI
KNAUF
LOGIKA
OWA
ROCKWOOL
FIRESAFE INSULATION


GREENLINES
Environmental
Services Ltd
Suppliers of skips-on-wheels
and daily collectionsof domestic waste
and commercial waste.
Hiring of Mobile Toilets and cleaning
Containers for waste separation
Sky Apartments A/6 177, Marina Street,
Pieta' MSD 08
Tel: 21 236625 / 21 247190
Fax: 21 238836
Mobile: 7949 2406
7945 6425
E-mail:olympia@vol.net.mt


DRIVING STRAIGHT
TO THE POINT
MALTESE MAPS AVAILABLE
ON GARMIN GPS
FULL ADDRESS SEARCH
ROUTING
VOICE PROMPTS
SPEED CAMERA RECOGNITION
& WARNING
datatrak
findit.com.mt
Medcomms Limited
MARINE ELECTRONICS
GARMIN
4, Msida Road, Gzira. Tel: 2133 5521 Fax: 2131 0820 Mob: 7947 1291
admin@medcomms.com.mt www.medcomms.com.mt


JMV
QUALITY IN STEEL
JM Vassallo Vibro Blocks Limited
JM Vassallo Vibro Steel Limited
CMT Laboratories Limited
VM Vibro Mesh
Vibro Pile Elements
Cold Drawn Steel
Steel Sections
Steel Reinforcement
Quality Control
www.jmvibro.com
Mdina Road, Zebbug ZBG 06, Malta
Tel: +356 2146 7421, 2146 6228 Fax: +356 2146 5202 Email: info@jmvibro.com
37037



Il-Kummisarju tal-Pulizija jispjega x-xogħol tal-Control Room lid-Direttur tal-Europol

National Unit fejn hemm ġie spjegat lilu kif jopera u speċjalment l-iżvilupp futur li hemm maħsub biex tibda' topera sistema ta' Video Collaboration bejn il-pajjiżi membri ta' l-Ewropa. Dan l-apparat diġa' wasal Malta u se jiġi mwaħħal fil-jiem li ġejjin meta jitlesta' t-testing tiegħu.

Laqgħa oħra li saret ġewwa l-Kwartieri Ġenerali kienet bejn l-uffiċjali għolja tal-Korp tal-Pulizija flimkien mal-Kummisarju tal-Pulizija fejn ġew diskussi diversi fatturi fil-qasam tal-ġlieda kontra l-kriminalita'. Minn hemm ġie mistieden għall-ikla uffiċjali li saret ġewwa l-Officer's Mess f'ġieh id-Direttur tal-Europol. Ġew mistiedna wkoll il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern Dr. T. Borg, l-Avukat Ġenerali Dr. S. Camilleri u r-rappreżetant Malti tal-Eurojust Dr. D. Frendo Dimech. Flimkien ma' l-Assistenti Kummissarji u Deputat Kummisarju Joseph Cachia ġew mistiedna wkoll il-kapijiet tad-diversi units li jagħmlu l-International Relations Unit kif ukoll l-Liaison Officer tal-Europol bażat ġewwa The Hague fl-Olanda u nies distinti oħra.

Wara t-tmiem ta' din iż-żjara, id-Direttur tal-Europol reġa' temm l-impenn tal-Europol biex tkun m'għammra bl-aħħar strumenti kemm legali kif ukoll tekniċi ħalli ġġib il-quddiem il-valuri demokratiċi u l-liberta' tas-soċjeta' Ewropeja fil-ġlieda tagħha kontra l-kriminalita'. Dan l-impenn biex ikun suċċess irid ikun imsawwar b'koperazzjoni bejn l-entatijiet kollha li ta' kuljum qegħdin ifasslu l-impenn tagħhom biex jiżguraw il-liberta' u d-drittijiet ma jiġux miksura mill-kriminalita'.





Gutenberg Press Limited
Gudja Road, Tarxien PLA19, Malta - Europe
Tel: (+356) 21897037 Fax: (+356) 21800069
info@gutenberg.com.mt www.gutenberg.com.mt

CARINI STORES LTD.

*Importers of Bathroom Suites, Ceramic Tiles, General Building Material*

OFFICE & SHOWROOM
435, ST. JOSEPH HIGH ROAD, ST. VENERA HMR18
Tel: 21440202, 21449641 Fax: 21482849
email: carini@maltanet.net



GROHE
WATER TECHNOLOGY

*Bathrooms and tiles with a touch of elegance and imagination from renowned designers*

Guillaumier
BUSINESS DYNAMICS

Suppliers and Installers of:

- Gypsum Partitions
- Gypsum Bulkheads
- Gypsum Covings & Cornices
- Steel Profiles
- Modular Ceilings
- Stretch Ceilings
- Gypsum Ceilings
- Gypsum Tools & Equipment

Guillaumier Business Dynamics
206, Cannon House,
Cannon Road, St Venera
Telephone: 21 495731 – Fax: 21487060
Email: info@guillaumier.com
Website: www.guillaumier.com

NUEVA TERRAIN SDP
CLASSIC PB PIPES, FITTINGS AND COMPONENTS




MCE LIMITED
*Your Guarantee to Quality Products*

MCE House, Triq L-Industrija, Qormi. Tel: 2148 6213, 2144 1275. Fax: 2148 6184
Email: sales@mcemalta.com www.mcemalta.com

Quality Management System
MSA
MSA EN ISO 9001:2000
Reg. No. S008

# International Police Association



Ex Insp. D.Bugeja
I.P.A. National
Treasurer

*Dear IPA Colleagues.*

As you know by now on the 30th April we have celebrated our 43rd Anniversary since Malta Section was accepted as a National Section during the World Congress held in Blackpool in 1964. To commemorate this event on Sunday 29th April, a Thanks Given Mass was held at PHQ. Apart from the Executive Committee and members, Mass was also attended by the Commissioner Mr. John Rizzo who is also an IPA member. During mass, which was concelebrated by IPA member and Police chaplain, Rev. Fr. Ray Bonnici, reference was made to our past members and prayers were expressed for both present and past members.



**34U Activity:** On Saturday 28th April, the committee organised a plant a 'Tree For You' activity at Pembroke near the old Fortress, in collaboration with committee of the Tree for You campaign. For this activity, being the first of its kind for our association, all participating groups and individuals met the campaign organisers at Pembroke round about 10.00hrs, all with the common aim to plant trees and render the surrounding area environmentally nicer. In an atmosphere of being there to give a service to our community, four trees were plant, hopefully that after standing against the elements of mother nature and certain individuals, flourish and give that desired shelter to those who sit and rest underneath them. Attached to each trees the committee placed a small wooden sign – IPA Malta – 1964 / 2007.



**Community Work:** On Saturday 5th May our Anniversary activities continued and next in line was the community work held at the 'Merħba Bik' Home, Balzan. Unfortunately due to a serious incident which occurred the evening before this activity, members who had promised to attend and give a helping hand were called for duty. Notwithstanding that the number of participants decreased, our commitment to the community was still honoured and the tasks prepared for us were fulfilled up to as much mother nature permitted. Our task at 'Merħba Bik' Home was to paint windows and doors, whose conditions were rather bad since the last touch of paint must have taken place quite some years before. The weather was not ideal for painting, however with dedication and commitment the task was nearly brought to an end. In a peaceful atmosphere we worked non stop, taking only a short pause when a cup of tea was offered, upon our request. We were also offered a snack; however we preferred to finish the job. From our experience we believe that to offer such service to the Community there is no need to wait for an anniversary. Such service can easily be offered by our Association two or three times yearly. What we need is more volunteers and more people of good will to come forward when asked to do so. Any suggestions how we can organiser better such activities are more than welcome.





**Internal Audit:** Between the 16th and 18th March 2007, the internal Auditors Dione Bugeja and Gunter Lambrecht met in Martigny together with Pierre Martin Moulin and Romain Miny to carry out the internal audit for the 2006 accounts. Thanks to Pierre, his wife Suzette and the family the stay was a

## APS Bank Home Loans

- Best Rates - 4.75% - 5.25% p.a.*
- Savings of a maximum of Lm500 (€1164.69)** in Bank fees
- No processing fees
- No Bank legal fees
- No early repayment fees
- Flexible repayment solutions

* Linked to CBM intervention rate
** The equivalent is based on the central parity rate of € 1 = Lm 0.4293

**APS bank**
ATTARD • FLORIANA • MOSTA • PAOLA • VALLETTA • GOZO
*The Bank You Want Us To Be*
APS Bank Ltd is licensed by the Malta Financial Services Authority
www.apsbank.com.mt

## PRACTICAL SOLUTIONS TO EVERY PACKING & SHIPPING PROBLEM

www.transpakmalta.com
International Moving & Fine Arts
To all parts of the world by road, trailer, airfreight & door to door weekly service.
We Provide The Following Services In a Highly Professional & Timely Manner:-
• International Packing, Handling & Storage of:
Personal & Household Effects / Antique Furniture
Works of Art / Machinery / Vehicles / & Other Commercial Goods
• Door To Door Insurance Provided On Request.
An Associate Member of
hhgfaa Household Goods Forwarders Association of America, Inc.
CSQM Certified Service Provider csqm.net



**TransPak** OVERSEAS REMOVALS LTD
326/328 Zabbar Road
Paola PLA 16 Malta
Tel: 00 356 21 821 166, 00 356 21 663 081, 00 356 21 317 580
Fax: 00 356 21 800 350. Email: william@transpakmalta.com
www.transpakmalta.com



Msida multi-level intersection



Plaza Commercial Centre, Sliema



Msida multi-level intersection



St. James Art Centre, Valletta



Piling works for Enemalta, gas turbine foundations

## BALLUT BLOCKS LTD.

**Civil Engineering Contractors, Manufacturers of precast concrete products and suppliers of building materials.**

Ballut Blocks Limited, Wied Filep, L/O Naxxar
• Tel: 21 573093, 21 572666 • Fax: 21 575562



very pleasant one and for our Mediterranean member, the atmosphere around was something completely different and enjoyable. The audit took the entire Saturday and was carried out in a most cordial and professional manner. When the books were closed and papers signed the sun was already disappearing behind the surrounding mountains. It is to be noted and remarked that our treasurers are performing a remarkable job in maintaining the Association accounts in a healthy state. Special thanks should be expressed towards Pierre who is allocating considerable time for IPA at the expenses of this family. Apart from the audit there were a few other issues discussed for future consideration.

**Arthur Troop Scholarship:** During the PEB meeting held recently it was decided to improve and simplify the Application Form and change the deadline date to 30 September within the Regulations. The 2008 applications already received on the old style form are valid and were filed with the IPC. Any interesting report was received from the Italian member who was awarded the Arthur Troop Scholarship for 2006. Gian Diego Comunello used his award to attend the International Institute of Humanitarian Law in Sanremo, Italy. Any interested member wishing to take this opportunity to study abroad is invited to collect a copy of the new form from the IPA office PHQ.

**Foreign IPA friend's visit to PHQ:** Welcoming visitors at PHQ is a never ending process even during the winter months and this gives us great pleasure. Recently we welcomed Claudia Ernst from Berlin



Polizei and IPA member Verbindungsstelle West from Landesgruppe Berlin. Both our friends who were here in Malta to practice the English language, were welcomed at PHQ by Joe Mamo who took them round the Police Museum, IPA Office and the Police Chapel. Saviour Garcia was kind enough to give them a full guided tour, which our friends found it very interesting and informative. Claudia was extremely impressed with the exhibits, in particular with regards to the old police handcuffs as she herself is a collector. The visit was concluded by biding our guest a safe journey back home after the usual exchange of gifts.

**Transport agreement for transfers from / to Seaport – Airport Rome.** The VIII IPA Region Lazio has reached an agreement with the car rental firm Claudio BOLENA, of Via Ugolino Vivaldi No. 30 Rome, for IPA special rates, reserved to IPA members and relatives:

Airport "FIUMICINO"- ROME (within the Mura Aureliane) €35,00

- ROME (within the Mura Aureliane) - Airport "FIUMICINO" € 35,00
- Airport "CIAMPINO"- ROME (within the Mura Aureliane) € 35,00
- ROME (within the Mura Aureliane) – Airport "CIAMPINO" € 35,00
- Seaport "CIVITAVECCHIA"- ROME (within the Mura Aureliane) € 110,00
- ROME (within the Mura Aureliane) - Seaport "CIVITAVECCHIA" € 110,00

Limitedly for the transfer Rome - Civitavecchia and vice versa, the rate is valid up to 4 people; for every additional person € 10,00. For further information and requests, please contact the firm Claudio BOLENA to the following numbers: Fax: +39 06 56470514 - Cell. +39 337 746433

**Membership contribution:** Dear members we would like to remind you once again to collect your membership stamp 2007 and any arrears stamps from the IPA office as early as possible so as we can confirm our membership with the International Treasurer. Your co-operation to this matter will be much appreciated. We sincerely hope that we do not have to repeat this request again. Thanks.

Regards – The Executive Committee.



ex Spettur A. Debattista
Assistent Segretarju u PRO
ta' l-Għaqda Pulizija
Pensjonanti

## GET TOGETHERS TAL-PASSAT

Meta kont qiegħed nipprepara l-kitba għal din il-ħarġa, li qed tfakkar it-tletin sena minn kemm ilhu joħroġ dan il-Magazin, fost in-noti u ritratti li għaddili Eddie Attard innutajt xi attivitajiet konnessi mal-Pulizija pensjonanti li deherli li kelli nġibhom għall-attenzjoni tagħkom.

Qabel ġiet imwaqqfa l-Għaqda tagħna, il- Malta Police Association (MPA) ħasbet biex torganizza xi attivitajiet għal pensjonanti.

Jidher li l-ewwel get together għal pensjonanti kien sar f'Diċembru tal-1978. Kienu ntbagħtu madwar 800 ċirkulari lil ex-membri tal-Korp. Kienu ġew invitati membri li kienu jikkontribwixxu fil-Mutual Help Association għaliex għalkemm kien hemm aktar pensjonanti kienu dawn imsemmija li l-MPA kellha l-indirizzi tagħhom. Dakinhar kien hemm xena sabiħa fil-Canteen tad-Depot u kien hemm pensjonanti li qabżitilhom demgħa bil-ferħ li ħassew meta kienu qegħdin jerġgħu jiltaqgħu ma l-ex sħabhom li ħadmu magħhom għal tant snin fil-Korp.



L-ewwel Get Together (Diċembru 1978)

Minbarra l-Jazz Band tal-Pulizija ħadu sehem ukoll żewġ għannejja (fosthom l-ex-Surġent Manwel Mifsud – iċ-Ċoċċa) u żewġ kitarristi li taw pjaċir lil kulħadd bl-għana ta' l-okkażżjoni li pprovdew.

Il-Kummissarju, f'kelmtejn li għamel għall-okkażżjoni. fakkar lil dawk preżenti fiż-żminijiet passati, l-aktar ta' żmien il-gwerra meta l-membri tal-Korp ħadmu bis-sħiħ u bagħtew mhux ftit.



Il-Kummissarju mdawwar b'ex-membri tal-korp

L-aktar pensjonant anzjan dakinhar kien Ġanni Borg li kien spiċċa mill-Korp fl-1948 wara li kien serva għal madwar 26 sena. Huwa ġie ppreżentat bl-arma tal-Korp imwaħħla fuq irħama. Kienet intweriet ix-xewqa minn dawk preżenti biex attivitajiet bħal dawn isiru kull sena, anke jekk hemm bżonn li jħallsu xi ħaġa.

Din ix-xewqa saret realta' għaliex sena wara, fit-28 ta' Diċembru 1979, l-MPA reġgħet laqqgħet il-Pulizija pensjonanti f'Get Together ieħor fid-Depot.



Żewġ ex-Kuntistabblijiet jizfnu waqt il-laqgħa.

Reġgħu ntbagħtu mat-800 invit u saret sejħa lil min ma kellhomx indirizz tiegħu permezz ta' avviż fil-ġurnali. Minbarra l-Kummissarju tkellem ukoll il-President tal- MPA, is-Surġent Michael Marshall li wkoll ħabbar li mis-sena li kienet ġejja, il-membri tal-Korp kellhom jibdew jibbenefikaw minn Fond ta' benefiċċju għal każi ta' mard jew disgrazzji kif ukoll mill-ħolqien tal- Klabb tal-Pulizija.

Għalkemm din id-darba ma kienx hemm l-attendenza daqs is-sena ta' qabel, xorta waħda kienet serata sabiħa li kulħadd xtaq li tibqa' ssir kull sena.

Naturalment, mat-twaqqif ta' l-Għaqda Pulizija Pensjonanti dawn l-attivitajiet bdew isiru mill-Għaqda fuq bażi regulari, kif għadu jsir illum.

## Il-Korp tal-Pulizija, flimkien mal-Pulizija Pensjonanti u l–familjari tagħna kollha, nirringrazzjaw 'l Alla talli tana l-ewwel Qaddis Malti, fil-persuna għaziza ta' Dun Ġorġ Preca



Hekk kitibli Walter Camilleri (eks PC 35) man-noti li bgħatli u r-ritratt uniku li jidher hawn fuq. Fir-ritratt (antik u xi ftit sfukat) Dun Ġorġ Preca (1880 - 1962) jidher waqt li qiegħed iqaddes fl-iskola San Mikiel tal-MUSEUM fil-Fleur-de-Lys, nhar l-14 ta' Settembru 1961, festa tas-Salib Imqaddes.

Ta' interess għall-Korp (u wisq aktar għall-pensjonanti) huwa l-fatt illi dak l-abbati fuq ix-xellug, bil-pjaneta ta' Dun Ġorġ f'idhu huwa l-istess Walter Camilleri.

Dan sieħibna Walter, li serva fil-Korp għal 25 sena (1966-1972) ħadem għal ħafna snin fil-Quarter Master Stores (Q.M.S) u għal 20 sena sħaħ serva bħala sagristan tal-Kappella tad-Depot. Kien propju minn hawn li rnexxilu jdaħħal fil-Korp lill-Kapuċċini biex jaqdu l-funzjoni ta' Kappillan tal-Korp wara l–mewt ta' Dun Fortunato Cachia li kien dam iservi bħala Kappillan tal-Korp għal 40 sena.

Żgur taqblu miegħi kemm dan ir-ritratt sar għandu valur storiku u importanti, l-aktar għal sieħibna Walter li minbarra dan, ipprovdili wkoll tagħrif ieħor interessanti dwar ħidmet il-Pulizija b'konnessjoni ma Dun Ġorġ, li beħsiebni nara li jidher f'xi ħarġa oħra ta' Il-Pulizija.

## Kunsill ta' l-Għaqda Pulizija Pensjonanti ( 2006-2007)



**Bilqegħda (mix-xellug):**
A. Debattista (Asst. Seg/PRO),
L. Muscat (Seg),
JM. Azzopardi (Pres),
V. Zahra (V/Pres), J. Calleja (Też),
J. Caruana (Asst. Też).

**Weqfin (mix-xellug):**
J.Borda, A. Poilidano, P.Cutajar,
JM. Azzopardi, J.Galea, A. Lia.

Minħabba nuqqas ta' spazju, rapporti dwar l-aħħar IKLA u l-Laqgħa Generali Annwali- 2007, jidhru f'ħarġa oħra.



Ex. Pc 517
Michael Angelo Gatt
1916 - 2006
1944 - 1966
(Australia)



Ex. Pc 828
Michael Camilleri
1932 - 2007
1956 - 1980
(Gozo)

# Agħtihom, O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem



Ex. Pc 231
Carmelo Muscat
1929 - 2006
1952 - 1964



Ex. Pc 616 Joseph Bondin
1930 - 2007
1953 - 1974



Ex. Pc 509 Francis Pace
1925 - 2007
1949 - 1975

# Saħħtek illum u għada



Għalik, is-saħħa u l-ġid tal-familja tiegħek jiġu l-ewwel u qabel kollox. Bħala l-aġenti esklussivi tal-BUPA f'Malta, aħna nistgħu noffru lilek, lill-familja u l-organizzazzjoni tiegħek l-aqwa assigurazzjoni medika privata. B'hekk kulħadd ikun jista' jgawdi minn serħan il-moħħ tant meħtieġ fid-dinja ta' llum. Iżda hemm ukoll għada, ġejjieni sabiħ jistenniek. Ħallina noħduk fih.

BUPA Malta

**Freephone 8007 3131**

Email: info@globalcapital.com.mt
Web: www.globalcapital.com.mt

BUPA Malta is brought to you by

**GlobalCapital**

**Investimenti / Assigurazzjoni / Pensjonijiet / Propjetà**

Fgura • Gżira • Balzan • Qormi • Għawdex

GlobalCapital Financial Management Ltd, GlobalCapital Fund Advisors Ltd u GlobalCapital Insurance Brokers Ltd huma liċenzjati mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA). GlobalCapital Life Insurance Ltd hija awtorizzata biex tmexxi kummerċ fit-tul ta' l-Assigurazzjoni fuq il-Ħajja u hija regolata mill-MFSA. GlobalCapital Health Insurance Agency Ltd hija awtorizzata bħala Aġent ta' l-Assigurazzjoni u regolata mill-MFSA. Indirizz reġistrat: 120, Ix-Xatt, Gżira GZR03, Malta.

GPA 300806-1




# Speed kills.




ROAD SAFETY IS NO ACCIDENT

Health Promotion Department